ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 240

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

7 ta' Settembru 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013 tat-2 ta' Settembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja** .......... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 862/2013 tal-5 ta' Settembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Casatella Trevigiana (DPO)]** .......... 15

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 863/2013 tal-5 ta' Settembru 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** .......... 17

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 864/2013 tas-6 ta' Settembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex .......... 19

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/446/PESK tas-6 ta' Settembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia** 21

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2013/447/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru 2013 dwar il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità skont l-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE** ([1]) ................................ 23

2013/448/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru 2013 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2013) 5666)* ([1]) .................................................................... 27

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2013/449/UE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali ALN-UE tas-7 ta' Awwissu 2013 dwar deroga mir-regoli ta' oriġini kif stipulata fil-Protokoll 1 ta' mal-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, biex tittieħed f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċjali tal-Mawrizju fir-rigward tal-palamit ippriservat** 36

---

**Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta'** ***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

**Nota lill-qarrejja – kif tirreferi għall-atti** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 861/2013

**tat-2 ta' Settembru 2013**

**li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Miżuri provviżorji

(1) Il-Kummissjoni imponiet dazju kumpensatorju provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja permezz tar-Regolament (UE) Nru 419/2013 [2] ("ir-Regolament provviżorju").

(2) L-investigazzjoni bdiet wara lment ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2012 mill-Konfederazzjoni Ewropea tal-Industriji tal-Ħadid u tal-Azzar (Eurofer) ("l-ilmentatur") f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli.

(3) Flimkien mal-investigazzjoni tal-antidumping, il-Kummissjoni imponiet dazju tal-antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja permezz tar-Regolament (UE) Nru 418/2013 [3].

#### 1.2. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(4) Fl-istadju provviżorju tal-investigazzjoni ttieħdu kampjuni fir-rigward tal-produtturi esportaturi Indjani, tal-produtturi tal-Unjoni u ta' importaturi mhux relatati. Madankollu, billi żewġ importaturi minn dawk magħżula għall-kampjun ma rritornawx it-tweġibiet għall-kwestjonarju, it-teħid ta' kampjuni għall-importaturi ma setax jibqa' għaddej. L-informazzjoni kollha disponibbli li għandha x'taqsam ma' importaturi li kkooperaw intużat biex jintlaħqu konklużjonijiet definittivi, b'mod partikulari safejn l-interess tal-Unjoni huwa kkonċernat.

(5) Seba' produtturi esportaturi Indjani li tħallew barra mill-kampjun talbu għal eżami individwali. Tnejn minnhom bagħtu tweġibiet għall-kwestjonarji. Ħamsa ma weġbux għall-kwestjonarju. Wieħed miż-żewġ produtturi li wieġbu għall-kwestjonarju irtira t-talba tiegħu għal eżami individwali. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' produttur esportatur Indjan wieħed li tħalla barra mill-kampjun:

— KEI Industries Limited, New Delhi (KEI).

(6) Minbarra dan ta' hawn fuq, il-premessi 5, 6, 7, 8, 10, 11, 12 u 14 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

[1] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

[2] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 419/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju kompensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 126, 8.5.2013, p. 19).

[3] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 418/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju provviżorju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 126, 8.5.2013, p. 1).

### 1.3. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(7) Kif stabbilit fil-premessa 20 tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni tas-sussidju u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Marzu 2012 (il-"perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Marzu 2012 (il-"perjodu kkunsidrat").

### 1.4. **Proċedura sussegwenti**

(8) Wara li saru magħrufa l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet meħtieġa li abbażi tagħhom ġie deċiż li jiġu imposti miżuri kumpensatorji provviżorji ("żvelar provviżorju"), diversi partijiet interessati, jiġifieri żewġ produtturi esportaturi, l-ilmentatur, u 11-il utent ressqu l-kummenti tagħhom. Il-partijiet kollha li wrew din ix-xewqa ngħataw seduta. Il-Kummissjoni kompliet tfittex l-informazzjoni li dehrilha li kienet meħtieġa għall-iskoperti definittivi. Il-kummenti riċevuti kollha ġew ikkunsidrati u, fejn xieraq, ittieħed kont tagħhom.

(9) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet meħtieġa li abbażi tagħhom kellha l-ħsieb li tirrakkomanda l-impożizzjoni ta' dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja u l-ġbir definittiv tal-ammonti żgurati permezz tad-dazju provviżorju ("żvelar finali"). Il-partijiet kollha ngħataw ukoll perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar l-iżvelar finali. Il-kummenti kollha li waslu tqiesu u ttieħdu inkonsiderazzjoni, fejn xieraq.

## 2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTTI SIMILI**

(10) Kif stabbilit fil-premessa 21 tar-Regolament provviżorju, il-prodott ikkonċernat huwa ddefinit bħala wajers tal-azzar inossidabbli li fihom piż ta':

(i) 2,5 % jew aktar ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 28 % jew aktar iżda mhux aktar minn 31 % ta' nikil u 20 % jew aktar iżda mhux aktar minn 22 % ta' kromju,

(ii) inqas minn 2,5 % ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 13 % jew aktar iżda mhux aktar minn 25 % ta' kromju u 3,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 6 % ta' aluminju,

li bħalissa jaqa' fil-kodiċi NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġina mill-Indja.

(11) Xi utenti esprimew tħassib dwar in-nuqqas apparenti ta' distinzjoni bejn id-diversi tipi tal-prodott ikkonċernat u prodotti simili, għaliex jeżisti taħlit estensiv ta' prodotti fost it-tipi kollha ta' prodotti. Kien hemm tħassib partikulari dwar kif jista' jiġi żgurat tqabbil ġust fost it-tipi kollha fl-investigazzjoni. Kif inhu l-każ fil-biċċa l-kbira tal-investigazzjonijiet, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat tkopri varjetà wiesgħa ta' tipi ta' prodotti li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi. Il-fatt li dawn il-karatteristiċi jistgħu jvarjaw minn tip ta' prodott għal tip ta' prodott ieħor jista' tabilħaqq, f'investigazzjoni, iwassal biex tiġi koperta firxa wiesgħa ta' tipi. Dan huwa l-każ fl-investigazzjoni attwali. Il-Kummissjoni qieset id-differenzi fost it-tipi ta' prodotti u żgurat tqabbil ġust. Ġie allokat numru tal-kontroll tal-prodotti (product control number - PCN) uniku għal kull tip ta' prodott li jiġi prodott u mibjugħ mill-produtturi esportaturi Indjani u għal kull tip prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni. In-numru kien jiddependi fuq il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, f'dan il-każ, il-grad tal-azzar, is-saħħa tensili, il-kisi, il-wiċċ, id-dijametru, u l-forma. Għaldaqstant, it-tipi ta' wajers esportati lejn l-Unjoni ġew imqabbla abbażi tal-PCN mal-prodotti li ġew prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni li għandhom l-istess karatteristiċi jew karatteristiċi simili. Dawn it-tipi kollha waqgħu fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili fin-notifika tal-inizjazzjoni [1] u fir-Regolament provviżorju.

(12) Parti waħda tenniet il-pretensjoni tagħha li l-hekk imsejħa tipi ta' prodotti "tekniċi ħafna" huma differenti u mhumiex interkambjabbli ma' tipi oħra tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, hija targumenta, dawn għandhom jiġu esklużi mid-definizzjoni tal-prodott. Skont il-ġurisprudenza, meta jiġi determinat jekk il-prodotti humiex simili biex jiffurmaw parti mill-istess prodott, jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk għandhomx l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, jekk għandhomx l-istess użi finali bażiċi, u jekk għandhomx l-istess relazzjoni bejn il-prezz u l-kwalità. F'dak ir-rigward, l-interkambjabbiltà ta', u l-kompetizzjoni bejn, dawk il-prodotti għandhom jiġu vvalutati wkoll [2]. L-investigazzjoni sabet li t-tipi ta' prodotti "tekniċi ħafna" msemmija mill-parti għandhom il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, u tekniċi bażiċi bħall-prodotti l-oħra li huma soġġetti għall-investigazzjoni. Huma magħmula minn azzar inossidabbli u huma wajers. Huma jikkostitwixxu prodott tal-azzar lest (li fil-maġġoranza tal-każijiet huwa mbagħad soġġett għal trasformazzjonijiet ulterjuri fid-dawl tal-produzzjoni ta' varjetà wiesgħa ta' oġġetti lesti), u l-proċess ta' produzzjoni huwa simili, bl-użu ta' magni simili, b'tali mod li l-produtturi jkunu jistgħu jaqilbu bejn varjanti differenti tal-prodott, skont id-domanda. Għaldaqstant, għalkemm tipi differenti ta' wajers mhumiex direttament interkambjabbli u ma jikkompetux direttament, il-produtturi qed jikkompetu għal kuntratti li jkopru firxa wiesgħa ta' wajers tal-azzar inossidabbli. Barra minn hekk, dawn it-tipi ta' prodotti huma prodotti u mibjugħa kemm mill-industrija tal-Unjoni kif ukoll mill-produtturi esportaturi Indjani bl-użu ta' metodu simili ta' produzzjoni. Għaldaqstant, l-argument ma jistax jintlaqa'.

---

[1] ĠU C 240, 10.8.2012, p. 6.

[2] Il-Kawża C-595/11 Steinel [2013], għadha mhijiex rappurtata, paragrafu 44.

(13) B'reazzjoni għal żvelar definittiv, parti waħda sostniet li l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni biex ikun stabbilit jekk l-hekk imsejħa tipi ta' prodotti tekniċi ħafna għandhomx jiġu inklużi fl-investigazzjoni ma kinitx biżżejjed. Dan l-argument ma ntlaqax. L-investigazzjoni stabbilixxiet li t-tip ta' prodott tekniku ħafna jaqa' fid-definizzjoni tal-prodott kif stabbilit fil-premessa 12 hawn fuq. Il-parti tassumi ħażin li l-kriterji kollha msemmija fil-ġurisprudenza jridu jiġu ssodisfati fl-istess ħin; dan huwa żbaljat. Skont il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni tgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa meta tiddefinixxi l-ambitu ([1]), u trid tibbaża din il-valutazzjoni fuq is-sett ta' kriterji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Ta' spiss, bħal fil-każ preżenti, xi kriterji jistgħu jippuntaw f'direzzjoni u oħrajn f'oħra; f'sitwazzjoni bħal din, jeħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni globali, kif għamlet fil-każ preżenti. Għaldaqstant, din il-parti interessata żbaljat meta assumiet li t-tipi ta' prodotti jrid ikollhom l-istess karatteristiċi kollha sabiex jaqgħu fl-istess definizzjoni ta' prodott.

(14) Xi utenti sostnew li l-hekk imsejħa wajers tal-azzar inossidabbli "Serje 200" għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott. B'mod partikulari, huma allegaw li dan it-tip bilkemm jiġi prodott mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, din id-dikjarazzjoni hija bla bażi. L-ewwel nett, il-fatt li ċertu tip ta' prodott mhuwiex prodott mill-industrija tal-Unjoni mhuwiex raġuni biżżejjed biex jiġi eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni, fejn il-proċess tal-produzzjoni jkun tali li l-produtturi tal-Unjoni jkunu jistgħu jibdew jipproduċu t-tip ta' prodott inkwistjoni. It-tieni nett, bħal fil-każ tal-wajers tekniċi ħafna (ara l-premessa 12 hawn fuq), instab li dawn it-tipi ta' prodott ikkonċernat għandhom karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi identiċi jew simili għal tipi oħra tal-prodott simili li jiġi prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-argument ma jistax jintlaqa'.

(15) Alternattivament, dawn l-utenti sostnew li l-vireg tal-wajers għandhom jiġu inklużi fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Madankollu, il-vireg tal-wajers huma l-materja prima użata għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat iżda jistgħu jintużaw ukoll għall-produzzjoni ta' prodotti differenti bħal qfieli u msiemer. Għaldaqstant, għall-kuntrarju tal-prodott li qed jiġi investigat, dan ma jikkostitwixxix prodott tal-azzar lest. Permezz ta' proċess ta' produzzjoni bil-kiesaħ, il-vireg tal-wajers, fost prodotti oħra, jistgħu jiġu ttrasformati fil-prodott ikkonċernat jew fi prodotti simili. Abbażi ta' dan, il-vireg tal-wajers ma jistgħux jiġu inklużi fl-ambitu tal-prodott fis-sens tar-Regolament bażiku.

(16) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili fil-premessi minn 21 sa 24 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

([1]) Il-Kawża T- 170/94 Shanghai Bicycles [1997] Ġabra II-1383, paragrafu 64.

## 3. SUSSIDJAR

### 3.1. Introduzzjoni

(17) Fil-premessa 25 tar-Regolament provviżorju, saret referenza għall-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji kumpensatorji:

(a) Skema ta' Kreditu ta' Dazju fuq l-Importazzjoni (Duty Entitlement Passbook Scheme - "DEPBS");

(b) Skema ta' Restituzzjoni tad-Dazju (Duty Drawback Scheme - "DDS")

(c) Skema għall-Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (Advance Authorisation Scheme - "AAS");

(d) Skema ta' Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni (Export Promotion Capital Goods Scheme - "EPCGS");

(e) Skema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (Export Credit Scheme - "ECS");

(f) Skema ta' Ffokar fuq is-Suq (Focus Market Scheme - "FMS");

(g) Żoni Ekonomiċi Speċjali/Unitajiet Orjentati Lejn L-Esportazzjoni (Special Economic Zones/Export Oriented Units - "SEZ/EOU").

(18) L-industrija tal-Unjoni allegat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tqis għadd ta' skemi ta' sussidju, speċjalment dawk reġjonali, u b'riżultat ta' dan temmen li s-sussidji li rċevew il-produtturi Indjani kienu ssottovvalutati. L-allegazzjoni hija bla bażi. Il-Kummissjoni investigat l-iskemi ta' sussidju nazzjonali u lokali kollha li jinsabu fl-ilment. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li matul il-PI l-produtturi esportaturi magħżula fil-kampjun kienu rċevew sussidji biss fir-rigward tal-iskemi elenkati fil-premessa 14 ta' hawn fuq.

(19) L-industrija tal-Unjoni sostniet ukoll li billi fl-investigazzjoni parallela tal-antidumping instab li d-dejta ppreżentata mill-produtturi Indjani magħżula fil-kampjun ma kenitx affidabbli u ġie applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([2]), l-Artikolu 28 korrispondenti tar-Regolament bażiku għandu jiġi ugwalment applikat fl-investigazzjoni attwali. Madankollu, l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku japplika biss jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tiegħu, li ma kienx il-każ fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta mill-produtturi Indjani magħżula fil-kampjun. Għaldaqstant, il-pretensjoni ma tistax tintlaqa'.

(20) L-investigazzjoni wriet li d-DEPBS, id-DDS u l-AAS kollha jiffurmaw parti minn mekkaniżmu ta' sussidju wieħed, li huwa mekkaniżmu ta' restituzzjoni tad-dazju.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

L-Indja użat diversi tipi ta' dan il-mekkaniżmu fuq żmien twil, u mmodifikat sottomekkaniżmi individwali b'mod frekwenti. L-investigazzjoni wriet li huwa xieraq li jiġu analizzati dawn is-sottomekkaniżmi flimkien, billi l-esportaturi tipikament ikollhom jagħżlu bejniethom (huma reċiprokament esklużivi), u f'każ li wieħed mis-sottomekkaniżmi ma jitkompliex, jaqilbu għal ieħor.

(21) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn 25 sa 28 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

### 3.2. Skema ta' Kreditu ta' Dazju fuq l-Importazzjoni (Duty Entitlement Passbook Scheme - "DEPBS")

(22) Wieħed mill-produtturi esportaturi Indjani magħżula fil-kampjuni argumenta li d-DEPBS ma għandhiex titqies bħala sussidju kumpensatorju, billi l-għan tal-iskema huwa li jitpaċew id-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet. Barra minn hekk, ġie allegat li għall-prodott investigat, ma hemm l-ebda produzzjoni domestika ta' inputs, għalhekk huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-importazzjonijiet kollha ġew intaxxati b'5 %, u li l-limitu massimu stabbilit mill-Gvern tal-Indja ("GTI") jiżgura li ma jkun hemm l-ebda kumpens żejjed. Kif ġie spjegat fil-premessa 38 tar-Regolament provviżorju, din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' restituzzjoni tad-dazju jew sistema sostituta ta' restituzzjoni fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku billi ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fil-punt (i) tal-Anness I, l-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għas-sistema sostituta ta' restituzzjoni) tar-Regolament bażiku. B'mod partikulari, esportatur li jibbenefika minn DEPBS ma għandu l-ebda obbligu li attwalment jikkonsma l-prodotti importati bla ħlas ta' dazju fil-proċess ta' produzzjoni tiegħu u l-ammont ta' kreditu mhuwiex ikkalkulat fir-rigward tal-valur attwali tal-inputs użati. Fl-aħħar nett, esportatur huwa eliġibbli għall-benefiċċji tad-DEPBS irrispettivament minn jekk jimportax xi inputs jew le. Sabiex jinkiseb il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta l-prodotti mingħajr ma juri li ġie importat xi materjal tal-input.

Il-GTI naqas milli jistabbilixxi sistema li tgħaqqad l-ammont ta' dazju eżentat fuq l-inputs importati mal-konsum tagħhom fil-prodotti esportati. Min-naħa tagħhom, il-kumpaniji li jibbenefikaw minn din l-iskema wkoll ma kellhomx mekkaniżmu fis-seħħ biex juru li ma rċevew l-ebda remissjoni żejda. Barra minn hekk, fir-rigward tan-nuqqas ta' kumpens żejjed f'dan il-każ speċifiku, il-kumpanija naqset milli turi li dan kien il-każ, setgħet, pereżempju, ibbenefikat minn kumpens għal prodotti importati oħrajn jew setgħet ibbenefikat minn kumpens għal inputs importati mingħajr ma tkun ikkunsmathom għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Ta' min jinnota wkoll li d-dikjarazzjoni li ma hemm l-ebda produzzjoni domestika ta' inputs hija żbaljata billi mill-inqas waħda mill-kumpaniji investigati pproduċiethom domestikament filwaqt li ż-żewġ kumpaniji investigati l-oħra kienu qed jixtru minn produttur domestiku, u mhux minn negozjant importatur domestiku. Għaldaqstant, dawn l-argumenti ma jistgħux jintlaqgħu.

(23) Parti waħda argumentat li f'każ ta' bejgħ tal-liċenzja ta' DEPBS, il-prezz attwali tal-bejgħ kien aktar baxx mill-valur tal-liċenzja u għaldaqstant il-benefiċċju kumpensatorju kien aktar baxx minn dak stabbilit provviżorjament. Madankollu, il-benefiċċju skont din l-iskema ġie kkalkulat abbażi tal-ammont ta' kreditu mogħti fil-liċenzja irrispettivament minn jekk il-liċenzja ntużatx biex tpaċi d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet jew jekk il-liċenzja ġietx mibjugħa. Kull bejgħ ta' liċenzja bi prezz inqas mill-valur nominali tagħha huwa deċiżjoni purament kummerċjali li ma tbiddilx l-ammont tal-benefiċċju li wieħed jirċievi skont din l-iskema. Għaldaqstant, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

(24) Il-GTI argumenta li d-DEPBS ġiet irtirata matul il-PI u għaldaqstant ma għandhiex tiġi kkumpensata. Barra minn hekk, huma argumentaw li billi r-restituzzjoni tad-dazju mhijiex programm suċċessur tad-DEPB, id-DEPB ma tistax tiġi kkumpensata. Tabilħaqq, id-DEPBS ma baqgħetx teżisti fit-30 ta' Settembru 2011, matul il-PI. Madankollu, is-sussidjar kompla jeżisti. Bħala alternattiva għad-DEPBS, instab li l-esportaturi rċevew benefiċċji taħt l-AAS u speċjalment id-DDS. Kif deskritt fil-premessi minn 42 sa 44 tar-Regolament provviżorju, l-AAS u d-DDS ġew aġġustati biex jorganizzaw tranżizzjoni bla intoppi mid-DEPBS. Barra minn hekk, in-natura tal-benefiċċji fit-tliet skemi, jiġifieri dħul ċedut fil-forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali, huwa eżattament l-istess. Għaldaqstant, il-kumpaniji għandhom għażla liema skema jużaw għat-tpaċija tad-dazji doganali. Għalhekk, minkejja li d-DEPS ma baqax jeżisti f'nofs il-PI, is-sussidji mogħtija mill-GTI matul il-PI għandhom jiġu kkumpensati għaliex is-sistema komprensiva ta' benefiċċji kompliet billi, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa 20, l-iskemi kollha ta' restituzzjoni tad-dazju jiffurmaw mekkaniżmu ta' sussidju wieħed b'sottomekkaniżmi differenti li ta' spiss jinbidlu. Għaldaqstant, dan l-argument ma' jistax jintlaqa'.

(25) B'reazzjoni għall-iżvelar definittiv, il-GTI tenna l-argumenti tiegħu dwar l-irtirar tad-DEPBS wara żvelar definittiv. Madankollu, billi ma ġew preżentati l-ebda argumenti ġodda li jwasslu għal bidla tal-konklużjoni fir-rigward tal-bdil tas-sussidjar skont in-nuqqas tad-DEPBS bid-DDS aġġustata, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

(26) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn 29 sa 47 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

(27) Barra minn hekk, instab li l-produttur esportatur Indjan KEI kien qed juża d-DEPBS matul il-PI. Ir-rata tas-sussidju kienet tammonta għal 0,50 %.

### 3.3. **Skema ta' Restituzzjoni tad-Dazju (Duty Drawback Scheme - "DDS")**

(28) Il-GTI argumenta li d-DDS ma għandhiex titqies bħala sussidju kumpensatorju, billi l-għan tal-iskema huwa li jitpaċew id-dazji fuq l-importazzjonijiet u d-dazji tassisa mħallsa fuq l-inputs. Kif ġie spjegat fil-premessa minn 58 sa 60 tar-Regolament provviżorju, din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' restituzzjoni tad-dazju jew sistema sostituta ta' restituzzjoni fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku billi ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fil-punt (i) tal-Anness I, l-Anness II u l-Anness III tar-Regolament bażiku. B'mod partikulari, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk kienx hemm pagamenti żejda ta' dazji tal-importazzjoni fis-sens tal-punt (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Fl-aħħar nett, esportatur huwa eliġibbli għall-benefiċċji tad-DDS irrispettivament minn jekk jimpurtax xi materjali tal-input jew le. Sabiex jinkiseb il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta l-prodotti mingħajr ma juri li ġie importat xi materjal tal-input. Dan ta' hawn fuq ġie kkonfermat mill-iskoperti li saru fil-kumpaniji li saritilhom żjara u mil-leġiżlazzjoni korrispondenti, jiġifieri ċ-ċirkolari Nru 24/2001 tal-GTI kif spjegat fil-premessa 60 tar-Regolament provviżorju. Barra minn hekk, fis-sottomissjoni tagħha, il-GTI stess ammetta fil-paragrafu 32 taċ-ċirkolari li d-DDS tista' tirriżulta f'remissjoni żejda. Għaldaqstant, l-argument tal-GTI ma jistax jintlaqa'.

(29) Il-GTI kompla jargumenta li, għalkemm is-sistema ta' verifika għall-konsum ta' inputs ma kinitx kompluta, b'mod partikulari minħabba n-numru għoli ta' benefiċjarji u l-piż amministrattiv involut biex jiġu kkontrollati kollha kemm huma, għandu jiġi aċċettat il-mekkaniżmu ta' verifika fis-seħħ abbażi ta' teħid ta' kampjuni. Madankollu, dan l-argument ma jistax jintlaqa' billi mhuwiex previst fl-Artikoli 3(1)(a)(ii), fil-punt (i) tal-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III tar-Regolament bażiku.

(30) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn 48 sa 64 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

(31) Barra minn hekk, instab li l-produttur esportatur Indjan, KEI Industries, kien qed juża d-DDS matul il-PI. Ir-rata tas-sussidju kienet tammonta għal 0,29 %.

### 3.4. **Skema għall-Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (Advance Authorisation Scheme - "AAS")**

(32) Wieħed mill-produtturi esportaturi Indjani magħżula fil-kampjun argumenta li l-AAS għandha titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazju, għaliex il-materjali importati jintużaw biex jipproduċu l-prodotti esportati. Kif spjegat fil-premessa 76 tar-Regolament provviżorju, is-sottoskema użata fil-każ preżenti ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' restituzzjoni tad-dazju jew sistema sostituta ta' restituzzjoni tad-dazju fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fil-punt (i) tal-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III tar-Regolament bażiku. Il-GTI ma applikax sistema jew proċedura ta' verifika b'mod effettiv biex jikkonferma jekk l-inputs għall-produzzjoni ġewx ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti (l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi ta' sostituzzjoni għar-restituzzjoni ta' dazju, l-Anness (III)(II)(2) tar-Regolament bażiku). Barra minn hekk, ir-Regoli Standard ta' Input-Output (Standard Input Output Norms - "SIONs") għall-prodott ikkonċernat ma kinux preċiżi biżżejjed u ma jistgħux jikkostitwixxu sistema ta' verifika ta' konsum attwali. L-għamla ta' dawk in-normi standard ma tippermettix li l-GTI jivverifika b'biżżejjed preċiżjoni liema ammonti ta' inputs ġew ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati. Barra minn hekk, il-GTI ma wettaqx eżami ulterjuri abbażi tal-inputs attwali involuti, kif spjegat fil-premessa 73 tar-Regolament provviżorju, għalkemm dan normalment ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(II)(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku). Għaldaqstant, is-sottoskema hija kumpensatorja, u l-argument huwa rifjutat.

(33) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn 65 sa 80 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

(34) Il-produttur esportatur Indjan, KEI Industries, instab li ma użax l-AAS matul il-PI.

### 3.5. **Skema ta' Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni (Export Promotion Capital Goods Scheme - "EPCGS")**

(35) Mal-iżvelar definittiv, wieħed mill-produtturi esportaturi Indjani kkummenta dwar żball ta' kalkulazzjoni. Dan il-kumment huwa parzjalment ġustifikat u ġie rikonoxxut fil-kalkolu tal-ammont sussidjat. Billi l-marġni ta' sussidju totali għal din il-kumpanija kien taħt il-livell *de minimis* anke qabel din il-korrezzjoni, l-aġġustament la jbiddel il-livell finali tad-dazju kumpensatorju ta' din il-kumpanija u lanqas ma jaffettwa l-marġni ta' sussidju medju kkalkulat għall-kumpaniji li kkooperaw iżda li mhumiex fil-kampjun jew il-marġni tas-sussidju għall-pajjiż kollu.

(36) Minbarra dan ta' hawn fuq, il-premessi minn 81 sa 91 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

(37) Il-produttur esportatur Indjan, KEI Industries, instab li ma bbenefikax mill-EPCGS matul il-PI fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

### 3.6. **Skema ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (Export Credit Scheme - "ECS")**

(38) Il-GTI argumenta li fil-premessa 92 tar-Regolament provviżorju l-Kummissjoni ċċitat b'mod inkorrett il-bażi legali tal-ECS. Il-GTI indika li ċ-Ċirkulari Prinċipali DBOD

Nru DIR(Exp.) BC 01/04.02.02/2007-2008 ("MC 07-08") u ċ-Ċirkulari Prinċipali DBOD Nru DIR(Exp) BC 09/04.02.02/2008-09 ("MC 08-09") ġew aġġornati u dawn kienu ċ-Ċirkulari Prinċipali DBOD Nru DIR(Exp) BC 06/04.02.002/2010-11 ("MC 10-11") u ċ-Ċirkulari Prinċipali DBOD Nru DIR.(Exp) BC 04/04.02.002/2011-2012 ("MC 11-12") li kkostitwixxew il-bażi legali għall-ECS matul il-PI. L-osservazzjoni tal-GTI hija korretta f'dan ir-rigward.

(39) Il-GTI argumenta wkoll li kieku l-bażi legali aġġornata xierqa ġiet meqjusal-Kummissjoni kien ikollha tieħu nota li l-limiti massimi tar-rata tal-imgħax applikabbli għall-krediti għall-esportazzjoni li huma obbligatorji, li qabel kienu magħmula obbligatorji mill-Bank ta' Riżerva tal-Indja ("RBI") għall-banek kummerċjali, ma baqgħux jeżistu qabel il-PI fir-rigward tal-krediti għall-esportazzjoni f'rupi. Għaldaqstant, sa fejn huma kkonċernati l-krediti f'rupi, din l-iskema ma tistax tibqa' titqies bħala sussidju. L-investigazzjoni wriet li żewġ kumpaniji magħżula fil-kampjun ibbenefikaw fil-prattika minn krediti ta' esportazzjoni minn banek privati b'rati taħt ir-rata ta' referenza stabbilita mill-Bank tal-Indja. L-investigazzjoni ma wrietx loġika kummerċjali għaliex dawn il-banek privati jipprovdu kredti b'rati mraħħsa u li apparentement kienu qed jagħmlu telf. Dawn il-prattiki tas-self tal-banek jistgħu jissuġġerixxu li għad hemm l-involviment tal-gvern. Madankollu, l-investigazzjoni ma sabitx provi tal-livell meħtieġ skont ir-regoli tad-WTO biex jiddeterminaw xi delega jew direttiva kontinwa fir-rigward tal-banek kummerċjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tgħoddx il-benefiċċju tar-rati mraħħsa bħala sussidju skont din is-sottoskema, fin-nuqqas ta' provi biżżejjed ta' direzzjoni u/jew kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI.

(40) Fl-aħħar nett, il-GTI argumenta li l-aħħar aġġornament taċ-Ċirkulari Prinċipali - DBOD Nru DIR(Exp) BC. 06/04.02.002/2012-13 ("MC 12-13"), li kien daħal fis-seħħ xahrejn wara tmiem il-PI, kien ħassar il-limiti massimi tar-rati tal-imgħax ta' krediti ta' esportazzjoni anke fir-rigward tal-krediti f'munita barranija. Il-GTI invoka l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku antisussidji u jargumenta li f'każ bħal dan anki dan l-element tal-iskema tal-kreditu għall-esportazzjoni ma għandux jiġi kkumpensat, għaliex id-direzzjoni governattiva tal-banek tneħħiet. Għalkemm fl-MC 12-13 sottomess hemm dispożizzjoni li tagħti l-libertà lill-banek kummerċjali li jiddeterminaw ir-rati tal-imgħax fuq il-krediti ta' esportazzjoni fil-munita barranija b'effett minn Mejju 2012 kif iddikjarat mill-GTI, tali bidla fl-istruzzjonijiet tar-RBI għall-banek privati matul l-investigazzjoni mhijiex biżżejjed waħidha biex tiġi eskluża din l-iskema, billi d-direzzjoni governattiva tista' tkompli b'mod informali u dan ikun is-suġġett ta' investigazzjoni ulterjuri. Madankollu, fir-rigward tal-konklużjoni ta' hawn fuq dwar is-sottoskema li tikkonċerna l-krediti għall-esportazzjoni f'rupi, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tikkumpensax din is-sottoskema li tikkonċerna l-krediti f'munita barranija f'dan l-istadju.

(41) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju se jiġu aġġustati fejn applikabbli.

### 3.7. Skema ta' Ffokar fuq is-Suq (Focus Market Scheme - "FMS")

(42) Mal-iżvelar definittiv, il-GTI ssottometta kummenti dwar l-FMS. Il-GTI argumenta li l-iskema hija ġeografikament marbuta ma' pajjiżi li mhumiex parti mill-Unjoni u għaldaqstant tista' ma tiġix ikkumpensata mill-Unjoni. Madankollu, il-GTI ma kienx kapaċi jargumenta la l-implimentazzjonijiet prattiċi tal-iskema u lanqas li l-benefiċċju tal-FMS jista' jintuża għall-prodott ikkonċernat, jiġifieri l-fatt li l-krediti tad-dazju taħt l-FMS huma trasferibbli liberament u li jistgħu jintużaw għall-ħlasijiet ta' dazji doganali fuq importazzjonijiet sussegwenti ta' kwalunkwe inputs jew oġġetti fosthom beni kapitali. Għaldaqstant, dan l-argument ma ntlaqax billi l-investigazzjoni wriet li l-prodott ikkonċernat jista' jibbenefika, u qiegħed jibbenefika, minn din l-iskema meta jiġi esportat lejn l-Unjoni.

(43) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn 101 sa 111 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

(44) Il-produttur esportatur Indjan, KEI Industries, instab li ma użax l-FMS matul il-PI.

### 3.8. Skema ta' Unitajiet Orjentati lejn l-Esportazzjoni (Export Oriented Units Scheme - "EOUS")

(45) Mal-iżvelar definittiv, l-uniku produttur esportatur investigat li juża l-EOUS ikkumenta dwar din l-iskema. Il-kumpanija tenniet li l-Kummissjoni għandha tuża metodu differenti biex tikkalkula l-benefiċċju riċevut bl-EOUS. Il-kumpanija argumentat li ċerti benefiċċji bl-EOUS għandhom jiġu trattati bħala skema ta' restituzzjoni tad-dazju permessibbli fis-sens tal-Anness II u III tar-Regolament bażiku u li għaldaqstant ma għandhomx ikunu kumpensatorji.

(46) Madankollu, instab li irrispettivament mill-metodu ta' kkalkular użat, ir-rata ta' sussidjar għal din l-iskema ma jaqbiżx iż-0,95 %, jiġifieri l-marġni ta' sussidju totali għal din il-kumpanija jibqa' taħt il-livell *de minimis*. Għaldaqstant, ma nħassx neċessarju li dan l-argument jiġi analizzat aktar fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni.

(47) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-premessa 112 tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

(48) Il-produttur esportatur Indjan, KEI Industries, instab li ma bbenefikax mill-EOUS matul il-PI.

### 3.9. **Ammont ta' sussidji kumpensatorji**

(49) Wara d-deċiżjoni biex ma jingħaddux bħala sussidju l-benefiċċji taħt l-ESC kif deskritt fil-premessi minn 38 sa 41, u l-korrezzjoni tal-kalkolu tal-benefiċċju taħt l-EPCGS għal waħda mill-kumpaniji kif deskritt fil-premessa 35, ir-rati tad-dazju ġew aġġustati fejn applikabbli. L-ammonti definittivi ta' sussidji kumpensatorji stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, espressi *ad valorem,* issa jvarjaw minn 0,79 % sa 3,72 %.

| Skema | Kumpanija | Raajratna | Venus Group | Viraj | KEI |
|---|---|---|---|---|---|
| DEPBS (*) | | 0,58 % | 0,93 %, 1,04 %, 1,32 %, 2,04 % | — | 0,50 % |
| DDS (*) | | 0,61 % | 1,14 %, 1,77 %, 1,68 %, 1,91 % | — | 0,29 % |
| AAS (*) | | 2,43 % | 0,15 %, 0 %, 0 %, 0 % | — | — |
| EPCGS (*) | | 0,09 % | 0,02 %, 0 %, 0 %, 0 % | 0,03 % | — |
| ECS (*) | | — | — | — | — |
| FMS (*) | | — | 0,13 %, 0,71 %, 0,07 %, 0 % | — | — |
| EOU (*) | | — | — | 0,95 % | — |
| | TOTAL | 3,72 % | 3,03 % (**) | 0,98 % (***) | 0,79 % (***) |

(*) Is-sussidji mmarkati b'asterisk huma sussidji tal-esportazzjoni
(**) Marġni totali tas-sussidju abbażi ta' kalkolu kkonsolidat għall-Grupp
(***) *de minimis*

(50) Il-marġni tas-sussidju kkalkulat mill-ġdid għall-kumpaniji li kkooperaw u li mhumiex inklużi fil-kampjun huwa ta' 3,41 %.

(51) Il-marġni tas-sussidju kkalkulat mill-ġdid għall-pajjiż kollu huwa ta' 3,72 %.

## 4. **L-INDUSTRIJA TAL-UNJONI**

### 4.1. **L-industrija tal-Unjoni**

(52) Xi utenti esprimew dubbji dwar l-għadd ta' produtturi tal-Unjoni ddikjarat fil-premessa 116 tar-Regolament provviżorju. Huma jsostnu li għadd ta' produtturi kienu vvalutati ħażin u hemm anqas produtturi preżenti fis-suq tal-Unjoni.

(53) Il-Kummissjoni tirrimarka li t-talba ta' hawn fuq ma kinitx sostanzjata u tikkonferma, wara verifika, l-informazzjoni mogħtija fil-premessa 116 tar-Regolament provviżorju, jiġifieri li 27 produttur tal-Unjoni kienu qed jimmanifatturaw il-prodott ikkonċernat fl-Unjoni matul il-PI. Dan huwa n-numru identifikat abbażi tal-ilment, matul il-fażi tal-analiżi u matul l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-produtturi tal-Unjoni kollha magħrufa u rċeviet dejta li ntużat fil-kuntest tal-investigazzjoni attwali.

### 4.2. **Il-produzzjoni tal-Unjoni u l-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni**

(54) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn 117 sa 119 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

## 5. **DANNU**

### 5.1. **Il-konsum mill-Unjoni**

(55) Xi utenti sostnew li l-analiżijiet tad-dannu kellhom jinjoraw id-dejta relatata mal-2009 minħabba li l-kriżi finanzjarja li seħħet dik is-sena kellha effetti ta' distorsjoni b'mod partikulari fuq il-konsum tal-Unjoni. Madankollu, anki kieku l-2009 ġiet eskluża mill-analiżi, xorta jkun għad hemm xejra li qed tikber għal konsum (+ 5 %) li hija indikazzjoni ta' suq li qed jitjieb. Barra minn hekk, l-effetti negattivi tal-kriżijiet finanzjarji huma rikonoxxuti fil-premessa 120 tar-Regolament provviżorju, iżda ġie konkluż li s-sitwazzjoni tas-suq tjiebet. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessa 120 tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

### 5.2. **Importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat**

(56) Il-marġni tas-sussidju stabbilit għal KEI Industries huwa taħt il-limitu *de minimis* previst fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku (ara l-premessa 49 hawn fuq). Għal-daqstant, dan il-produttur esportatur jitqies li ma

bbenefikax minn skemi ta' sussidju fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-volumi ta' importazzjonijiet tiegħu ġew esklużi mill-volum tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja. Produttur esportatur wieħed, jiġifieri l-Venus Group, sostna li ċerti tranżazzjonijiet bi żball kienu magħduda darbtejn. Il-Kummissjoni qablet mal-produttur esportatur, għalhekk dawn it-tranżazzjonijiet tneħħew mill-volum totali tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja. Għaldaqstant, il-volum, is-sehem mis-suq u l-prezz medju tal-importazzjonijiet sussidjati ġew riveduti.

(57) Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet sussidjati:

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum (MT) | 11 620 | 20 038 | 25 326 | 24 415 |
| *Indiċi* (2009 = 100) | 100 | 172 | 218 | 210 |
| Sehem mis-suq | 8,8 % | 10,7 % | 12,9 % | 12,4 % |
| *Indiċi* (2009 = 100) | 100 | 121 | 146 | 140 |

*Sors:* Eurostat u tweġibiet tal-kwestjonarji

(58) Il-KEI Industries esportaw kwantitajiet limitati tal-prodott ikkonċernat matul il-PI u t-tranżazzjonijiet tal-Venus Group imsemmi hawn fuq kien jikkostitwixxi wkoll kwantitajiet limitati, għalhekk it-tnaqqis ta' dawn il-volumi tal-importazzjoni mill-volum totali tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja ma jirriżultax f'tibdil li jikkonċerna x-xejriet kif deskritt fil-premessi minn 123 sa 124 tar-Regolament provviżorju. Għaldaqstant dawn il-premessi tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

(59) Prezz medju tal-importazzjonijiet sussidjati:

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju (euro/MT) | 2 419 | 2 856 | 3 311 | 3 259 |
| *Indiċi* (2009 = 100) | 100 | 118 | 137 | 135 |

*Sors:* Eurostat u tweġibiet tal-kwestjonarji

(60) Kif spjegat hawn fuq, il-KEI Industries esportaw kwantitajiet limitati matul il-PI u t-tneħħija ta' ċerti tranżazzjonijiet tal-Venus Group affettwaw biss kwantitajiet limitati. Għaldaqstant, l-esklużjoni tal-volumi tal-importazzjoni ta' KEI Industries u t-tranżazzjonijiet imsemmija hawn fuq tal-Venus Group mill-volum totali tal-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja ma tirriżultax f'bidla sinifikanti fil-prezz medju tal-importazzjonijiet ssussidjati Indjani jew fil-kalkoli tat-tnaqqis. Il-marġni tat-tnaqqis ikkalkulat mill-ġdid huwa ta' 11,7 %. Għall-bqija, il-konklużjonijiet mill-iskoperti deskritti fil-premessi minn 128 sa 130 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

(61) Bħala risposta għall-iżvelar finali, il-GTI argumenta li l-Kummissjoni kienet applikat it-tnaqqis *pro rata* tal-importazzjonijiet sussidjati biss fuq il-volumi tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw sabiex jittieħed kont tal-iskoperti *de minimis* fil-KEI u t-tneħħija ta' ċerti tranżazzjonijiet magħduda darbtejn bi żball tal-Venus Group. Dan l-argument huwa bbażat fuq nuqqas ta' ftehim. Il-Kummissjoni applikat it-tnaqqis *pro rata* għall-volum sħiħ tal-importazzjoni, inklużi l-importaturi li ma kkooperawx. Għaldaqstant, il-pretensjoni jkollha tiġi riġettata.

### 5.3. **Qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(62) Xi partijiet iddikjaraw li r-riżultati miksuba mill-industrija tal-Unjoni għandhom jitqiesu bħala raġonevolment pożittivi fil-kuntest tal-kriżi ekonomika globali u li bl-eċċezzjoni ta' indikatur tad-danni wieħed, jiġifieri s-sehem mis-suq, ebda wieħed mill-indikaturi l-oħrajn ma indika l-eżistenza ta' dannu.

(63) Parti waħda sostniet li l-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'madwar 34 %, li kien ferm aktar mill-kost tal-produzzjoni li żdied bi 13 % matul l-istess perjodu. F'dan ir-rigward jeħtieġ li wieħed jinnota li fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, jiġifieri fl-2009, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tbigħ anqas mill-kost tal-produzzjoni, u rnexxielha tbigħ 'il fuq mill-kost tal-produzzjoni mill-2011 'il quddiem biss.

(64) L-investigazzjoni wriet li għalkemm xi indikaturi tad-danni bħalma huma l-volumi tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità segwew xejra pożittiva, jew baqgħu stabbli bħall-impjiegi, għadd ta' indikaturi oħra marbuta mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri l-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investiment u r-redditu fuq l-investiment ma segwewx xejra sodisfaċenti matul il-perjodu kkunsidrat. Filwaqt li l-indikatur marbut mal-investimenti tjieb fl-2010, dan naqas taħt iċ-ċifri tal-2009 fl-2011 u l-PI. Għalkemm huwa veru li r-redditu fuq l-investimenti tjieb mill-2009 sal-2011 u laħaq is-6,7 %, dan reġa' naqas għal 0,8 % matul il-PI. Bl-istess mod, l-indikaturi marbuta mal-profittabbiltà u l-fluss tal-flus tjiebu sal-2011 iżda reġgħu bdew jiddeterjoraw matul il-PI. Għaldaqstant, ta' min jikkonkludi li l-industrija tal-Unjoni bdiet titjieb wara l-2009, iżda sussegwentement l-irkupru tagħha naqas bl-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja.

(65) Fuq talba minn parti interessata ġie kkonfermat li l-livelli tal-ħażniet stabbiliti fil-premessa 153 tar-Regolament provviżorju kienu jikkonċernaw l-attività tal-kumpaniji tal-Unjoni magħżula fil-kampjun.

(66) L-industrija tal-Unjoni sostniet li l-marġni ta' profitt immirat ta' 5 % stabbilit fl-istadju provviżorju kien baxx wisq. Il-parti ma ssostanzjatx biżżejjed il-pretensjoni tagħha. Il-premessa 148 tar-Regolament provviżorju tispjega r-raġunijiet wara l-għażla ta' dan il-marġni ta' profitt u l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda raġunijiet oħra biex tibdlu. Għaldaqstant, il-profitt immirat ta' 5 % jinżamm għall-għan tal-iskoperti definittivi.

(67) Produttur esportatur partikulari sostna li d-diffikultajiet tal-industrija tal-Unjoni huma prinċipalment minħabba problemi strutturali. Għaldaqstant, il-marġni ta' profitt immirat ta' 5 % wkoll ma kienx realistiku.

(68) Ta' min ifakkar li skont il-każistika [1], jeħtieġ li l-Istituzzjonijiet jistabbilixxu l-marġni ta' profitt li l-industrija tal-Komunità tista' sserraħ fuqu b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati. Fil-każ preżenti, kien impossibbli li titwettaq din l-analiżi għall-industrija tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat għar-raġunijiet li ġejjin. Hemm biżżejjed informazzjoni biex jiġi kkalkulat il-marġni ta' profitt għall-prodott ikkonċernat mis-sena 2007 biss. Fl-2007, il-marġni ta' profitt kien ta' 3,7 %; mill-2008, minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika, dan sar negattiv. L-ilmentatur argumenta, u l-investigazzjoni stabbilixxiet, li l-importazzjonijiet sussidjati bdew jaslu fis-suq tal-Unjoni mill-2007, meta l-volum ta' importazzjonijiet żdied minn 17 727 tunnellata fl-2006 għal 24 811,3 tunnellati. Għaldaqstant, l-Istituzzjonijiet stabbilixxew il-marġni ta' qligħ immirati abbażi tal-profitti reali f'partijiet oħra tal-industrija tal-azzar, li ma sofrewx minn importazzjonijiet iddampjati u sussidjati [2].

### 5.4. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(69) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-PI.

## 6. KAWŻALITÀ

### 6.1. **L-effett tal-importazzjonijiet sussidjati**

(70) Produttur esportatur wieħed sostna li r-Regolament provviżorju injora li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tibbenefika miż-żieda fil-konsum mill-2009 u li l-Kummissjoni ma tistax tassumi li l-industrija tal-Unjoni se tkun kapaċi żżomm is-sehem mis-suq tagħha b'mod indefinit.

(71) B'reazzjoni għal dawn l-argumenti jeħtieġ li wieħed jinnota li l-investigazzjoni wriet li s-sehem mis-suq tal-importazzjoni ssussidjata Indjana kiber b'rata aktar mgħaġġla mill-konsum fis-suq tal-Unjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet sussidjati Indjani żdied b'110 % filwaqt li l-konsum żdied b'50 % matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet ukoll li l-prezz medju Indjan kien kostantament taħt il-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni matul l-istess perjodu u naqqas il-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni bi 11,7 % matul il-PI. B'riżultat ta' dan, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni bbenefikat miż-żieda fil-konsum sa ċertu punt u hija wkoll setgħet iżżid il-volumi ta' bejgħ tagħha b'40 %, hija ma setgħetx iżżomm is-sehem mis-suq tagħha kif mistenni bil-kundizzjonijiet tas-suq li qed jitjiebu u minħabba l-kapaċità libera ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

### 6.2. **L-effett ta' fatturi oħrajn**

#### 6.2.1. *Importazzjonijiet mhux sussidjati*

(72) Xi partijiet interessati saħqu li jeħtieġ li l-effett tal-importazzjonijiet mhux sussidjati jiġu vvalutati mill-ġdid fid-dawl tal-fatt li KEI Industries irċevew marġni ta' sussidju *de minimis* u li minħabba żbalji ta' għadd doppju, ċerti tranżazzjonijiet tal-Venus Group tneħħew mill-analiżi. Huma argumentaw ukoll li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mhux sussidjati kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati.

(73) It-tabella hawn taħt turi l-iżvilupp tal-volum tal-esportazzjonijiet mhux sussidjati u l-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat, Il-volum tagħhom irrappreżenta madwar terz tal-esportazzjoniijet Indjani matul il-PI u segwa l-istess xejra bħall-importazzjonijiet sussidjati.

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum (MT) | 5 227 | 9 015 | 11 394 | 10 938 |
| Volum (*Indiċi*) | 100 | 172 | 218 | 210 |
| Prezz medju (*EUR/mt*) | 2 268 | 2 678 | 3 105 | 3 056 |
| Prezz medju (*Indiċi*) | 100 | 118 | 137 | 135 |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarji u Eurostat

(74) Għaldaqstant huwa korrett li l-prezzijiet ta' importazzjonijiet mhux sussidjati kienu aktar baxxi mill-prezzijiet sussidjati. Madankollu, il-volum tal-importazzjonijiet mhux sussidjati huwa biss terz tal-volum tal-importazzjonijiet sussidjati. Għaldaqstant, id-dannu kkawżat minn

---

[1] Il-Kawża T-210/95 - Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Fertilizzanti (European Fertilizer Manufacturer's Association - EFMA) vs il-Kunsill [1999] Ġabra II-3291, il-paragrafu 60.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 383/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jimponi dazju definittiv ta' antidumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers u swiegli tal-azzar mingħajr liga tal-prestressing u l-poststressing (wajers u swiegli PSC) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 118, 13.5.2009, p. 1); ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1071/2012 tal-14 ta' Novembru 2012 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja (ĠU L 318, 15.11.2012, p. 10); ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 845/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar miksija b'materjal organiku li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 33).

importazzjonijiet mhux sussidjati ma jkissirx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul il-PI.

6.2.2. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(75) Produttur esportatur Indjan wieħed u l-GTI tennew it-talba li r-Repubblika Popolari taċ-Ċina kellha tiġi inkluża fl-investigazzjoni u li l-impatt li l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kellhom fuq is-suq tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni kien sottovalutat.

(76) Kif imsemmi fil-premessa 170 tar-Regolament provviżorju, la fl-istadju tal-bidu u lanqas fl-istadju definittiv ma hemm prova ta' sussidju li setgħet tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni kontra s-sussidju fuq importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Għaldaqstant, il-pretensjoni li r-Repubblika Popolari taċ-Ċina kellha tiġi inkluża fl-ambitu tal-investigazzjoni hija bla bażi u hija miċħuda.

(77) Madankollu, l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wrew xejra li qed tiżdied matul il-perjodu kkunsidrat u laħqu sehem mis-suq ta' 8,3 % matul il-PI kif iddikjarat fil-premessa 168 tar-Regolament provviżorju. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u dawk tal-produtturi esportaturi Indjani fis-suq tal-Unjoni. Għaldaqstant, ġie investigat aktar jekk l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina setgħux ikkontribbwixxew għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u kissru r-rabta kawżali bejn dak id-dannu u l-importazzjonijiet sussidjati Indjani.

(78) L-informazzjoni disponibbli fl-istadju provviżorju ssuġġerixxiet li t-taħlit tal-prodott irrappreżentat mill-importazzjonijiet Ċiniżi kien differenti u li l-firxiet fejn il-prodotti Ċiniżi kienu preżenti kienu differenti meta mqabbla mal-prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni jew anke dawk il-prodotti ta' oriġini Indjana mibjugħa fis-suq tal-Unjoni.

(79) Wara l-pubblikazzjoni tal-miżura provviżorja, il-Kummissjoni rċeviet diversi argumenti li jaċċennaw għall-possibbiltà li l-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx matul il-PI jkissru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Indjani ddampjati u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(80) L-analiżi magħmula abbażi tal-istatistiki tal-importazzjonijiet li jikkonċernaw iż-żewġ kodiċi NM li qed jiġu investigati wriet li 29 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi saru fit-tarf l-aktar baxx tas-suq (skont il-kodiċi NM 7223 00 99). Dan parzjalment jispjega r-raġuni għaliex il-prezzijiet Ċiniżi bħala medja huma aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni u tal-produtturi esportaturi Indjani. L-istatistiki għall-kodiċi NM 7223 00 99 urew ukoll li l-klijenti tal-produtturi Ċiniżi kienu kkonċentrati fir-Renju Unit fejn l-industrija tal-Unjoni bażikament ma kenitx preżenti.

| Prezz medju (euro/MT) | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| 72 230 019 | 2 974 | 3 286 | 3 436 | 2 995 |
| 72 230 099 | 765 | 1 458 | 1 472 | 1 320 |

*Sors:* Eurostat

(81) Fir-rigward tal-Kodiċi NM 7223 00 19, l-analiżijiet magħmulin abbażi tal-PCN urew li kemm l-industrija tal-Unjoni kif ukoll il-produtturi Indjani kienu qegħdin jikkompetu fl-ogħla tarf tas-suq fejn il-prezzijiet setgħu jitilgħu sa erba' darbiet ogħla mill-prezzijiet fit-tarf l-aktar baxx fl-istess NM [1]. L-investigazzjoni wriet ukoll li, b'mod ġenerali, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet huma marbuta mat-tip ta' prodott u l-kontenut tan-nikil. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-esportaturi Ċiniżi fil-biċċa l-kbira tagħhom ibigħu t-tipi ta' prodott ta' kwalità iżjed baxxa li jaqgħu fil-kodiċi NM imsemmi hawn fuq fis-suq tal-Unjoni. Għaldaqstant, it-taħlit ta' prodotti jsir fattur predominanti fl-evalwazzjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

(82) Fir-rigward tal-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, jeħtieġ li jiġi rrimarkat li mill-2009 sal-PI l-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqa' ogħla mill-prezzijiet tal-produtturi esportaturi Indjani sussidjati, kif jista' jidher mit-tabella li ġejja li turi l-prezz medju tal-esportazzjonijietIndjani sussidjati li jaqgħu fil-kodiċi NM 7223 00 19.

| Prezz medju (euro/MT) | 2009 | 2010 | 2011 | PI | IP + 1 |
|---|---|---|---|---|---|
| 73 320 019 | 2 974 | 3 286 | 3 436 | 2 995 | 3 093 |

*Sors:* Eurostat

(83) Fil-PI għall-ewwel darba l-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi waqa' taħt dak tal-prezz tal-importazzjonijiet Indjani għall-importazzjonijiet sussidjati. Madankollu, instab li din l-osservazzjoni kienet ta' natura temporanja billi l-livell tal-prezz Ċiniż fis-sena ta' wara l-PI żdied u reġa' kien ogħla mill-prezzijiet Indjani.

(84) Barra minn hekk, it-tqabbil bejn il-volumi tal-importazzjoni mill-Indja u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wera li fi kwalunkwe punt matul il-perjodu kkunsidrat u b'mod partikolari matul il-PI, l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kienu f'livelli ħafna aktar baxxi mill-importazzjonijiet mill-Indja. Il-volumi tal-importazzjoni għar-Repubblika Popolari taċ-Ċina kienu jammontaw għal bażikament inqas minn nofs it-total tal-importazzjonijiet mill-Indja.

[1] Madankollu, ta' min jinnota li kemm l-industrija tal-Unjoni kif ukoll il-produtturi esportaturi Indjani huma preżenti wkoll fit-tarf l-aktar baxx tas-suq, anki jekk sa livell aktar baxx.

(85) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie kkonfermat li proporzjon sinifikanti tal-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-PI huma differenti mit-taħlit ta' prodotti mill-industrija tal-Unjoni u li kwalunkwe kompetizzjoni diretta mal-prodotti li ġew prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni hija limitata.

(86) Għaldaqstant, l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ma setgħux affettwaw il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni sal-punt li tkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-premessa 168 tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

6.2.3. *Kompetizzjoni minn produtturi oħrajn fl-Unjoni*

(87) Parti waħda argumentat li l-prestazzjoni finanzjarja fqira tal-produtturi tal-Unjoni setgħet kienet ikkawżata minn kompetizzjoni minn produtturi oħrajn tal-Unjoni li ma kinux ilmentaturi jew li ma esprimewx l-appoġġ tagħhom għall-investigazzjoni fil-bidu tal-każ.

(88) Is-sehem mis-suq ta' produtturi oħrajn fl-Unjoni żviluppa kif ġej:

| | 2009 | 2010 | 2011 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum (MT) | 34 926 | 55 740 | 55 124 | 55 124 |
| Indiċi (2009 = 100) | 100 | 160 | 158 | 158 |
| Sehem mis-suq ta' produtturi oħrajn fl-Unjoni | 26,6 % | 29,8 % | 28,1 % | 27,9 % |

*Sors:* Ilment

(89) Il-produtturi tal-Unjoni li ma kinux ilmentaturi u li ma esprimewx speċifikament appoġġ għall-investigazzjoni ammontaw għal 44 % tal-bejgħ totali tal-Unjoni rrappurtat fil-premessa 139 tar-Regolament provviżorju. Il-volum tal-bejgħ tagħhom żdied bi 58 % minn stima ta' 34 926 tunnellata fl-2009 għal 55 124 tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, dan it-tkabbir huwa relattivament żgħir jekk imqabbel mat-tkabbir tal-importazzjonijiet issussidjati mill-Indja fl-istess perjodu (+ 110 %). Barra minn hekk, is-sehem mis-suq ta' dawk il-produtturi tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat u ma nstabet l-ebda indikazzjoni li l-prezzijiet tagħhom kienu aktar baxxi minn dawk tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Għaldaqstant, ġie konkluż li l-bejgħ tagħhom fis-suq tal-Unjoni ma kkontribwixxiex għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

6.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(90) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn 176 sa 179 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

7. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(91) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessa 180 tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

7.2. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(92) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn 181 sa 188 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

7.3. **L-interess tal-utenti**

(93) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, seba' utenti u assoċjazzjoni waħda tal-utenti kkuntattjaw lill-Kummissjoni u wrew interess li jikkooperaw fl-investigazzjoni. Wara t-talba tagħhom, intbagħtulhom kwestjonarji f'April 2013. Madankollu, żewġ utenti biss wieġbu għall-kwestjonarju sħiħ u, b'mod ġenerali, l-utenti li kkooperaw irrappreżentaw 12 % tal-importazzjonijiet totali mill-Indja matul il-PI u 2,5 % tal-konsum totali tal-Unjoni. L-impatt ekonomiku tal-miżuri fuq l-utenti ġie vvalutat mill-ġdid abbażi tad-dejta l-ġdida disponibbli fit-tweġibiet għall-kwestjonarju u żewġ utenti saritilhom żjara sabiex tiġi vverifikata l-informazzjoni pprovduta.

(94) L-utenti sostnew li l-livell ta' profittabbiltà ta' 9 %, li kien iddikjarat fil-premessa 191 tar-Regolament provviżorju, kien għoli wisq u ma kienx rappreżentattiv għall-industrija tal-utenti. Wara li waslu t-tweġibiet ulterjuri għall-kwestjonarju, il-profittabbiltà medja tal-utenti kollha li kkooperaw ġiet ikkalkulata mill-ġdid u ġiet stabbilita għal 2 % fuq il-fatturat.

(95) Instab ukoll li, bħala medja, fir-rigward tal-utenti li kkooperaw, ix-xiri mill-Indja kien jikkostitwixxi 44 % tax-xiri totali tal-prodott ikkonċernat, u li l-Indja rrappreżentat is-sors esklużiv ta' provvista għaż-żewġ utenti li kkooperaw. Matul il-PI, il-fatturat tal-prodott li inkorpora l-prodott ikkonċernat irrappreżenta medja ta' 14 % tal-fatturat tal-utenti li kkooperaw.

(96) Jekk wieħed jassumi li l-agħar sitwazzjoni possibbli għassuq tal-Unjoni, jiġifieri li l-ebda żieda potenzjali fil-prezz ma tgħaddi għall-katina ta' distribuzzjoni u li l-utenti jkomplu jixtru mill-Indja bil-volumi preċedenti, l-impatt tad-dazju fuq il-profittabbiltà tal-utenti miksub minn attivitajiet li jużaw jew li jinkorporaw il-prodott meħtieġ ikun ifisser tnaqqis medju b'0,25 punti perċentwali.

(97) Il-Kummissjoni tagħraf li l-impatt se jkun aktar importanti, fuq livell individwali, għal dawk l-utenti li jġibu l-importazzjonijiet kollha tagħhom mill-Indja. Madankollu,

dawn huma relattivament ftit (tnejn mill-utenti li kkooperaw). Barra minn hekk, huma għandhom il-possibbiltà, sakemm il-produttur Indjan tagħhom jikkoopera, li jitolbu l-ħlas lura tad-dazji skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, jekk il-kundizzjonijiet kollha għal tali restituzzjoni jkunu sodisfatti.

(98) Xi utenti tennew it-tħassib li l-miżuri jolqtu ċerti tipi ta' wajers li mhumiex prodotti fl-Ewropa, jiġifieri tipi inklużi fl-hekk imsejħa Serje 200 kif deskritt fil-premessa 194 tar-Regolament provviżorju. Skont l-utenti, in-nuqqas ta' produzzjoni fl-Unjoni huwa minħabba d-domanda limitata u l-ispeċifiċità tal-proċess ta' produzzjoni.

(99) Madankollu, l-investigazzjoni wriet li dawn it-tipi ta' wajers tal-azzar inossidabbli huma prodotti mill-industrija tal-Unjoni u li huma jirrappreżentaw sehem limitat tas-suq tal-Unjoni. Hemm ukoll sors ta' provvista alternattiv disponibbli għall-utenti minn pajjiżi li mhumiex suġġetti għal miżuri ta antidumping jew antisussidji. Barra minn hekk, żewġ produtturi esportaturi Indjani rċevew rata ta' dazju kumpensatorju ta' 0 %, għalhekk l-impożizzjoni tal-miżuri mhux se jkollha effetti sinifikanti fuq il-provvisti minnhom. Barra minn hekk, tipi oħra ta' prodotti ta' wajers tal-azzar inossidabbli jistgħu jintużaw għall-istess għanijiet. Għaldaqstant, l-impożizzjoni tal-miżuri ma jistax ikollha impatt sinifikanti fuq is-suq tal-Unjoni jew fuq dawn l-utenti. Għaldaqstant, din il-pretensjoni hija miċħuda.

(100) Xi utenti rrimarkaw dwar iż-żmien itwal ta' kunsinna għall-prodott simili mill-produtturi tal-Unjoni meta mqabbel maż-żmien tal-kunsinna tal-prodott ikkonċernat mill-Indja. Madankollu, il-possibbiltà għall-kummerċjanti u n-negozjanti jaħżnu l-prodotti u li jsiru disponibbli minnufih ma timminax il-provi fattwali tal-effetti negattivi tal-importazzjonijiet sussidjati. Għaldaqstant, dan l-argument ikollu jiġi miċħud.

(101) Fil-kunsiderazzjoni ta' dan hawn fuq, anki jekk xi utenti x'aktarx li jintlaqtu ħażin aktar minn oħrajn bil-miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-Indja, huwa meqjus li fil-bilanċ is-suq tal-Unjoni se jibbenefika mill-impożizzjoni tal-miżuri. B'mod partikulari, huwa meqjus li r-restawr tal-kundizzjonijiet tal-kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni jippermetti lill-industrija tal-Unjoni li tallinja l-prezzijiet tagħha mal-kost tal-produzzjoni; li żżomm il-produzzjoni u l-impjiegi; li tirkupra s-sehem mis-suq li kienet tilfet qabel u li tibbenefika minn żieda fl-ekonomiji tal-kobor. Dan għandu jippermetti lill-industrija li tilħaq marġnijiet ta' profitti raġonevoli li se jippermettulha li topera b'mod effiċjenti fuq perjodu medju taż-żmien kif ukoll fit-tul. B'mod parallel, l-industrija se ttejjeb il-qagħda finanzjarja globali tagħha. Barra minn hekk, l-investigazzjoni stabbilixxiet li l-miżuri se jkollhom impatt ġenerali limitat fuq l-utenti u fuq l-importaturi mhux relatati. Għaldaqstant, ġie konkluż li jidher li l-benefiċċju globali tal-miżuri jegħleb l-impatt fuq l-utenti tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni.

### 7.4. **L-interess ta' importaturi mhux relatati**

(102) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn 197 sa 199 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

### 7.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(103) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-valutazzjonijiet fil-premessi minn 200 sa 201 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

## 8. MIŻURI KUMPENSATORJI DEFINITTIVI

### 8.1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu**

(104) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi minn 203 sa 206 tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

### 8.2. **Konklużjoni dwar il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu**

(105) L-ebda marġni ta' dannu individwali ma ġie kkalkulat għal KEI Industries billi l-marġni tas-sussidju definittiv ta' din il-kumpanija kien fuq livell *de minimis* kif imsemmi fil-premessa 49 hawn fuq.

(106) Il-metodoloġija użata fir-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

### 8.3. **Miżuri definittivi**

(107) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju kumpensatorju definittiv f'livell għoli biżżejjed biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet sussidjati mingħajr ma jinqabeż il-marġni ta' sussidjar misjub.

(108) Għaldaqstant, ir-rati ta' dazju kumpensatorju ġew stabbiliti billi tqabblu l-marġnijiet ta' dannu u l-marġnijiet ta' sussidju. Konsegwentement, ir-rati tad-dazju kumpensatorju proposti huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġini ta' sussidju | Marġini ta' dannu | Rata ta' dazju kumpensatorju |
|---|---|---|---|
| Raajratna Metal Industries | 3,7 % | 17,2 % | 3,7 % |
| Venus Group | 3,0 % | 23,4 % | 3,0 % |
| Viraj Profiles Vpl. Ltd | 0,9 % | Mhux applikabbli | 0,0 % |
| KEI Industries Limited | 0,7 % | Mhux applikabbli | 0,0 % |
| Kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun | 3,4 % | 19,3 % | 3,4 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 3,7 % | 23,4 % | 3,7 % |

(109) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju għall-kumpaniji individwali speċifikati f'dan id-dokument ta' ħidma ġew stabbiliti abbażi tal-iskoperti ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju applikabbli madwar il-pajjiż għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") huma applikabbli b'mod esklużiv għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-Indja u huma prodotti mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati li huma prodotti minn xi kumpanija oħra li mhijiex imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan id-dokument ta' ħidma, inklużi l-entitajiet marbuta ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(110) Kwalunkwe talba għal applikazzjoni ta' rati ta' dazju kumpensatorju għal kumpaniji individwali (pereżempju wara bdil fl-isem tal-entità jew wara li jiġu stabbiliti entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([1]) minnufih, bl-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikulari kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u ma' dak tal-esportazzjoni u li jkunu assoċjati, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u ta' bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament li jimponi d-dazji kumpensatorji definittivi jiġi emendat skont dan billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali.

### 8.4. **Ġbir definittiv ta' dazji kumpensatorji provviżorji**

(111) Fid-dawl tad-daqs tal-marġnijiet ta' sussidju misjuba u fid-dawl tal-livell tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, jitqies meħtieġ li l-ammonti garantiti permezz tad-dazju kumpensatorju provviżorju, li huma imposti permezz tar-Regolament provviżorju, jinġabru b'mod definittiv sakemm jintlaħaq l-ammont tad-dazji definittivi imposti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'dan huwa impost dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' wajers tal-azzar inossidabbli li fihom piż ta':

(i) 2,5 % jew aktar ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 28 % jew aktar iżda mhux aktar minn 31 % ta' nikil u 20 % jew aktar iżda mhux aktar minn 22 % ta' kromju,

(ii) inqas minn 2,5 % ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 13 % jew aktar iżda mhux aktar minn 25 % ta' kromju u 3,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 6 % ta' aluminju,

li bħalissa jaqa' fil-kodiċi NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġinaw mill-Indja.

2. Ir-rata ta' dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles mal-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun:

| Kumpanija | Dazju (%) | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Raajratna Metal Industries, Ahmedabad, Gujarat | 3,7 | B775 |
| Venus Wire Industries Pvt. Ltd, Mumbai, Maharashtra | 3,0 | B776 |
| Precision Metals, Mumbai, Maharashtra | 3,0 | B777 |
| Hindustan Inox Ltd, Mumbai, Maharashtra | 3,0 | B778 |
| Sieves Manufacturer India Pvt. Ltd, Mumbai, Maharashtra | 3,0 | B779 |
| Viraj Profiles Vpl. Ltd, Thane, Maharashtra | 0,0 | B780 |
| KEI Industries Limited, New Delhi | 0,0 | B925 |
| Il-kumpaniji elenkati fl-Anness | 3,4 | |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 3,7 | B999 |

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ rigward id-dazju doganali.

*Artikolu 2*

L-ammonti garantiti permezz ta' dazji kumpensatorji provviżorji skont ir-Regolament (UE) Nru 419/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' wajers tal-azzar inossidabbli li fihom piż ta':

(i) 2,5 % jew aktar ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 28 % jew aktar iżda mhux aktar minn 31 % ta' nikil u 20 % jew aktar iżda mhux aktar minn 22 % ta' kromju,

(ii) inqas minn 2,5 % ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 13 % jew aktar iżda mhux aktar minn 25 % ta' kromju u 3,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 6 % ta' aluminju,

li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġinaw mill-Indja,

għandhom jinġabru definittivament. L-ammonti garantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju kumpensatorju għandhom jiġu rilaxxati.

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Brussels, Belgium.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
L. LINKEVIČIUS

*ANNESS*

**PRODUTTURI ESPORTATURI INDJANI LI KKOOPERAW LI MHUMIEX PARTI MILL-KAMPJUN**

| Isem il-kumpanija | Belt | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Bekaert Mukand Wire Industries | Lonand, Tal. Khandala, Satara District, Maharastra | B781 |
| Bhansali Bright Bars Pvt. Ltd. | Mumbai, Maharashtra | B781 |
| Bhansali Stainless Wire | Mumbai, Maharashtra | B781 |
| Chandan Steel | Mumbai, Maharashtra | B781 |
| Drawmet Wires | Bhiwadi, Rajastan | B781 |
| Garg Inox Ltd | Bahadurgarh, Haryana | B931 |
| Jyoti Steel Industries Ltd. | Mumbai, Maharashtra | B781 |
| Macro Bars and Wires | Mumbai, Maharashtra | B932 |
| Mukand Ltd. | Thane | B781 |
| Nevatia Steel & Alloys Pvt. Ltd. | Mumbai, Maharashtra | B933 |
| Panchmahal Steel Ltd. | Dist. Panchmahals, Gujarat | B781 |

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 862/2013

## tal-5 ta’ Settembru 2013

## li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta’ denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Casatella Trevigiana (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 daħal fis-seħħ fit-3 ta’ Jannar 2013. Dan ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([2]).

(2) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja għall-approvazzjoni ta’ emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini “Casatella Trevigiana”, irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 487/2008 ([3]).

(3) Ladarba l-emenda kkonċernata mhix minuri, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda, skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Billi l-Kummissjoni ma ġiet innotifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta’ oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tal-istess Regolament, l-emenda għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b’rabta mad-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta’ dan ir-Regolament, b’dan hija approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta’ wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta’ Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([3]) ĠU L 143, 3.6.2008, p. 12.
([4]) ĠU C 322, 24.10.2012, p. 4.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.3. Ġobnijiet**

L-ITALJA

Casatella Trevigiana (DPO)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 863/2013

## tal-5 ta' Settembru 2013

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni li torbot dwar it-tariffa u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni li torbot dwar it-tariffa, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 256, 7,9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19,10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi - NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Prodott (hekk imsejjaħ "Modulu ta' Arloġġ tal-Ħin Reali") li jikkonsisti f'ċirkwit integrat monolitiku u kristall kwarz imwaħħlin flimkien fuq qafas tal-metall u integrati f'qafas tal-plastik b'dimensjonijiet ta' madwar 10 × 7 × 3 mm.<br><br>Il-prodott jaħdem bi frekwenza oxxillanti ta' 32,768 kHz u provvista ta' voltaġġ ta' bejn 2,7 u 3,6 V. Jipproduċi sinjal diġitali.<br><br>Il-prodott huwa użat f'diversi apparati bħala sors ta' sinjal ta' arloġġ biex jiġu determinati intervalli ta' ħin.<br><br>(*) Ara l-istampa. | 9114 90 00 | Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1(n) għas-Sezzjoni XVI u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 9114 u 9114 90 00.<br><br>Peress li l-prodott jinkludi kemm ċirkwit integrat monolitiku u kristall kwarz, ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fin-Nota 8 (b) għal Kapitlu 85. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8542 hija eskluża.<br><br>Il-prodott jipprovdi sinjal ta' arloġġ li jiddetermina intervalli ta' ħin, li hija funzjoni tal-Kapitlu 91.<br><br>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9110 hija eskluża wkoll minħabba li l-prodott m'għandux il-komponenti kollha meħtieġa biex jiġi kkunsidrat bħala moviment mhux komplut ta' arloġġ u lanqas ma hu mmuntat (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 9110, it-tielet paragrafu).<br><br>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-Kodiċi tan-NM 9114 90 00 bħal partijiet oħra ta' arloġġi tal-polz jew ta' arloġġi (ara wkoll HSEN għall-intestatura 9114, grupp (A), il-punt (8)). |

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.



# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 864/2013

## tas-6 ta' Settembru 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 29,8 |
| | ZZ | 29,8 |
| 0707 00 05 | TR | 95,4 |
| | ZZ | 95,4 |
| 0709 93 10 | TR | 124,0 |
| | ZZ | 124,0 |
| 0805 50 10 | AR | 109,7 |
| | CL | 126,2 |
| | TR | 74,0 |
| | UY | 120,7 |
| | ZA | 124,0 |
| | ZZ | 110,9 |
| 0806 10 10 | BR | 183,4 |
| | EG | 184,2 |
| | IL | 162,2 |
| | TR | 143,0 |
| | ZA | 168,3 |
| | ZZ | 168,2 |
| 0808 10 80 | AR | 155,4 |
| | BR | 103,3 |
| | CL | 135,2 |
| | CN | 67,2 |
| | NZ | 133,1 |
| | US | 147,8 |
| | ZA | 115,0 |
| | ZZ | 122,4 |
| 0808 30 90 | AR | 160,7 |
| | CN | 84,1 |
| | TR | 137,4 |
| | ZA | 138,4 |
| | ZZ | 130,2 |
| 0809 30 | TR | 129,9 |
| | ZZ | 129,9 |
| 0809 40 05 | BA | 50,7 |
| | MK | 50,9 |
| | XS | 55,5 |
| | ZZ | 52,4 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/446/PESK

### tas-6 ta' Settembru 2013

### li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Awwissu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/452/PESK [1] li kompliet il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, l-EUMM Georgia (minn hawn 'il quddiem "EUMM Georgia" jew il-"Missjoni") stabbilita bl-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK tal-15 ta' Settembru 2008 [2]. Id-Deċiżjoni 2010/452/PESK tiskadi fl-14 ta' Settembru 2013.

(2) L-EUMM Georgia għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 15-il xahar abbażi tal-mandat attwali tagħha.

(3) Il-Missjoni ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tmur għall-agħar u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2010/452/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 6 huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun ir-rappreżentant tal-Missjoni. Il-Kap tal-Missjoni jista' jiddelega kompiti ta' ġestjoni fi kwistjonijiet ta' persunal u finanzjarji lil membri tal-persunal tal-Missjoni, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tiegħu.";

(b) il-paragrafu 4 huwa mħassar.

(2) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti li għandhom jiġu konklużi bejn l-EUMM Georgia u l-membru tal-persunal ikkonċernat.";

(3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 13a*

**Arranġamenti legali**

L-EUMM Georgia għandu jkollha l-kapaċità li takkwista servizzi u provvisti, li tidħol f'kuntratti u arranġamenti amministrattivi, li timpjega persunal, li jkollha kontijiet bankarji, li tikseb u tiddisponi minn beni u tħallas l-obbligazzjonijiet tagħha, u li tkun parti għal proċeduri legali, kif meħtieġ biex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni.";

(4) L-Artikolu 14 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

**Arranġamenti finanzjarji**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-Missjoni bejn il-15 ta' Settembru 2010 u l-14 ta' Settembru 2011 għandu jkun ta' EUR 26 600 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-Missjoni bejn il-15 ta' Settembru 2011 u l-14 ta' Settembru 2012 għandu jkun ta' EUR 23 900 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-Missjoni bejn il-15 ta' Settembru 2012 u l-14 ta' Settembru 2013 għandu jkun ta' EUR 20 900 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-Missjoni bejn il-15 ta' Settembru 2013 u l-14 ta' Diċembru 2014 għandu jkun ta' EUR 26 650 000.

2. In-nefqa kollha għandha tkun amministrata skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3. Iċ-ċittadini ta' Stati terzi, tal-Istat ospitanti u ta' pajjiżi ġirien għandu jkollhom permess iressqu offerti għal kuntratti. Soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, il-Missjoni tista' tikkonkludi arranġamenti tekniċi ma' Stati Membri, ma' Stati terzi parteċipanti, u ma' atturi internazzjonali oħrajn fir-rigward tal-provvista ta' tagħmir, servizzi u binjiet lill-EUMM Georgia.

[1] ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.
[2] ĠU L 248, 17.9.2008, p. 26.

4. L-EUMM Georgia għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Missjoni. Għal dan il-għan, il-Missjoni għandha tiffirma ftehim mal-Kummissjoni

5. L-EUMM Georgia għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe pretensjoni u obbligu li jirriżultaw mit-twettiq tal-mandat li jibda mill-15 ta' Settembru 2013, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe pretensjoni marbuta ma' mġiba ħażina serja mill-Kap tal-Missjoni, li għaliha għandu jerfa' r-responsabbiltà.

6. L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirrispettaw il-linja tal-kmand kif prevista fl-Artikoli 5, 6 u 9, u l-ħtiġijiet operattivi tal-EUMM Georgia, inklużi l-kompatibbiltà tat-tagħmir u l-interoperabbiltà tal-iskwadri tagħha.

7. In-nefqa għandha tkun eliġibbli sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.";

(5) Fl-Artikolu 18, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fl-14 ta' Diċembru 2014.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Hija għandha tapplika mill-15 ta' Settembru 2013.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Settembru 2013

## dwar il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità skont l-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/447/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwra il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 10a tagħha,

Billi:

(1) Sabiex ikun possibbli li l-Istati Membri jistabbilixxu, skont l-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 18(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE ([2]), il-livelli ta' attività ta' istallazzjonijiet ta' parteċipanti ġodda skont l-Artikolu 3(h) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi u tippubblika l-fatturi ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità.

(2) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-għadd ta' allokazzjonijiet ta' emissjonijiet bla ħlas li jridu jiġu allokati għall-istallazzjonijiet ta' parteċipanti ġodda li huma eliġibbli għal tali allokazzjoni fil-perjodu 2013-2020, l-Istati Membri jridu jistabbilixxu l-livelli ta' attività ta' dawn l-istallazzjonijiet. F'dan il-kuntest, il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità hu neċessarju biex jiġi stabbilit il-livell ta' attività marbuta mal-prodott għal prodotti li fil-każ tagħhom ikun ġie stabbilit parametru referenzjarju ta' prodott fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/278/UE. Għall-istallazzjonijiet ta' parteċipanti ġodda, bl-eċċezzjoni ta' parteċipanti ġodda minħabba estensjoni sinifikanti, dan il-livell ta' attività jiġi stabbilit billi l-kapaċità istallata inizjali għall-produzzjoni ta' dan il-prodott skont l-Artikolu 17(4) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE tiġi multiplikata bil-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità. Għall-istallazzjonijiet li kellhom estensjoni jew tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità, l-Istati Membri għandhom jużaw il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità biex jistabbilixxu l-livell ta' attività marbuta mal-prodott tal-kapaċità miżjuda jew imnaqqsa tas-subistallazzjoni kkonċernata.

(3) Il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità għandu jkun it-80 punt perċentwali tal-medja annwali tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-istallazzjonijiet kollha li jipproduċu l-prodott ikkonċernat. Bħala parti mill-ġabra tad-dejta ġenerali ta' bażi għall-istallazzjonijiet imsemmija li jkunu saru biex jitwaqqfu l-Miżuri Nazzjonali ta' implimentazzjoni (NIMs), l-Istati Membri ġabru dejta dwar il-produzzjoni medja annwali tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu 2005–08. Bid-diviżjoni ta' dawn iċ-ċifri tal-produzzjoni bil-kapċità inizjali istallata kif imsemmi fl-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE, l-Istati Membri mbagħad stabbilew il-fatturi ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-istallazzjonijiet rilevanti fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri mbagħad qasmu din l-informazzjoni mal-Kummissjoni bħala parti min-NIMs.

(4) Meta n-NIMs daħlu mingħand l-Istati Membri kollha, u filwaqt li qieset in-NIMS mill-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA, il-Kummissjoni stabbiliet it-80 punt perċentwali tal-medja annwali tal-fatturi ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-istallazzjonijiet li jipproduċu l-prodott li fil-każ tiegħu jeżisti parametru referenzjarju, u dan filwaqt li tqieset ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet newtri tal-kompetizzjoni għal attivitajiet industrijali mwettqa f'istallazzjonijiet imħaddma minn operatur uniku u għal produzzjoni f'istallazzjonijiet imħaddma esternament. Il-kalkolu hu bbażat fuq l-informazzjoni li kellha l-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

(5) Il-fatturi ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità għal kull parametru referenzjarju huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Dawn il-fatturi japplikaw mis-sena 2013 sal-2020.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-fatturi ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità elenkati fl-Anness jintużaw mill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-livell ta' attività marbuta mal-prodott ta' istallazzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 3(h) tad-Direttiva 2003/87/KE bi qbil mal-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE.

---

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

| Parametru referenzjarju tal-prodott elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/278/UE | Il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità (SCUF) |
|---|---|
| Kokk | 0,960 |
| Minerali sinterizzati | 0,886 |
| Metall jaħraq | 0,894 |
| Anodu ta' qabel il-ħami | 0,928 |
| Aluminju | 0,964 |
| Clinker ta' siment griż | 0,831 |
| Clinker ta' siment abjad | 0,787 |
| Ġir | 0,813 |
| Ġir dolomitiku | 0,748 |
| Ġir dolomitiku sinterizzat | 0,784 |
| Ħġieġ float | 0,946 |
| Fliexken u vażetti ta' ħġieġ bla kulur | 0,883 |
| Fliexken u vażetti ta' ħġieġ bil-kulur | 0,912 |
| Prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu | 0,892 |
| Briks tal-faċċata | 0,809 |
| Ċangaturi | 0,731 |
| Tegole | 0,836 |
| Trab atomizzat | 0,802 |
| Ġibs | 0,801 |
| Ġipsum sekondarju mnixxef | 0,812 |
| Polpa kraft ta' fibra qasira | 0,808 |
| Polpa kraft ta' fibra twila | 0,823 |
| Polpa tas-sulfit, polpa termomekkanika u mekkanika | 0,862 |
| Polpa tal-karta rkuprata | 0,887 |
| Karta tal-gazzetti | 0,919 |
| Karta fina mhux miksija | 0,872 |
| Karta fina miksija | 0,883 |

| Parametru referenzjarju tal-prodott elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/278/UE | Il-fattur ta' utilizzazzjoni standard tal-kapaċità (SCUF) |
|---|---|
| Tissue | 0,900 |
| Testliner u fluting | 0,889 |
| Kartun mhux miksi | 0,863 |
| Kartun miksi | 0,868 |
| Aċidu nitriku | 0,876 |
| Aċidu adipiku | 0,849 |
| Monomer tal-klorur tal-vinil (VCM) | 0,842 |
| Fenol/aċeton | 0,870 |
| S-PVC | 0,873 |
| E-PVC | 0,834 |
| Karbonat tas-sodju | 0,926 |
| Prodotti tar-raffinerija | 0,902 |
| Azzar tal-karbonju EAF | 0,798 |
| Azzar illigat ħafna EAF | 0,802 |
| Ħadid fondut | 0,772 |
| Suf minerali | 0,851 |
| Bord tal-ġibs | 0,843 |
| Nugrufum | 0,865 |
| Ammonijaka | 0,888 |
| Krekkjar bil-fwar | 0,872 |
| Aromatiċi | 0,902 |
| Stiren | 0,879 |
| Idroġenu | 0,902 |
| Gass ta' sinteżi | 0,902 |
| Ossidu tal-etilen/glikoli tal-etilen | 0,840 |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Settembru 2013

## dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata bid-dokument C(2013) 5666)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/448/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 10a u 11 tagħha,

Billi:

(1) Hija r-regola li l-allokazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet issir permezz ta' rkantar mill-2013 'il quddiem, għall-operaturi ta' installazzjonijiet fl-ambitu tal-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS). Madankollu, xi operaturi eliġibbli se jibqgħu jirċievu l-allokazzjonijiet mingħajr ħlas bejn l-2013 u l-2020. L-ammont ta' kwoti li jirċievi kull wieħed minn dawn l-operaturi jkun iddeterminat skont ir-regoli armonizzati fl-Unjoni kollha li huma stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE ([2]).

(2) Sat-30 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri kellhom iressqu quddiem il-Kummissjoni l-Miżuri Nazzjonali ta' Implimentazzjoni (NIMs) tagħhom li, fost informazzjoni obbligatorja oħra, dawn kellhom jagħtu lista ta' installazzjonijiet fit-territorju tagħhom koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, u l-ammont preliminari ta' kwoti mingħajr ħlas li għandhom jiġu allokati bejn l-2013 u l-2020 ikkalkulati skont ir-regoli armonizzati madwar l-Unjoni kollha.

(3) L-Artikolu 18 tal-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([3]) jipprevedi l-miżuri tranżizzjonali li japplikaw għall-Kroazja u stabbiliti fl-Anness V ma' dan l-Att. Skont il-punt 10 ta' dan l-Anness V, il-Kroazja għandha tiżgura li l-operaturi jikkonformaw mad-Direttiva 2003/87/KE tul is-sena 2013 kollha. Bl-istess mod, l-operaturi ta' installazzjonijiet eliġibbli jirċievu allokazzjoni mingħajr ħlas għas-sena 2013 kollha biex ikunu jistgħu jikkonformaw bis-sħiħ mal-EU ETS u l-prinċipju tagħha ta' monitoraġġ, rappurtaġġ u verifikazzjoni kull sena tal-emissjonijiet u ċ-ċediment tal-kwoti tal-emissjonijiet. B'konformità ma' dan, il-Kroazja ressqet in-NIMs lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE.

(4) Il-Kummissjoni pprovdiet mudell elettroniku għat-tressiq tan-NIMs biex tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tad-dejta. L-Istati Membri kollha ressqu lista ta' installazzjonijiet f'dan il-format jew f'wieħed simili, tabella bid-dejta kollha rilevanti għal kull installazzjoni u rapport tal-metodoloġija li spjega l-proċess tal-ġbir tad-dejta mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

(5) Billi tressaq ambitu wiesa' ta' informazzjoni u dejta, il-Kummissjoni l-ewwel ma għamlet kien li vverifikat li n-NIMs kollha kienu sħaħ. F'każijiet fejn il-Kummissjoni sabet li s-sottomissjonijiet ma kinux komprensivi, hi talbet aktar informazzjoni mingħand l-Istati Membri kkonċernati. B'risposta għal dawn it-talbiet, l-awtoritajiet rilevanti ressqu aktar informazzjoni rilevanti biex jimtlew in-NIMs li kienu ressqu.

(6) Wara dan, in-NIMs, u inklużi magħhom l-ammonti totali annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet li għandhom jiġu allokati bejn l-2013 u l-2020, ġew imqabbla mal-kriterji li hemm fid-Direttiva 2003/87/KE, b'mod speċjali l-Artikolu 10a tagħha, u fid-Deċiżjoni 2011/278/UE. filwaqt li tqiesu d-dokumenti gwida tal-Kummissjoni għall-Istati Membri approvati mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fl-14 ta' April 2011. Fejn kien rilevanti, tqieset il-gwida dwar l-interpretazzjoni tal-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1).
([3]) ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21.

(7) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-konformità ddettaljata tan-NIMs ta' kull Stat Membru. Bħala parti minn dik il-valutazzjoni komprensiva, il-Kummissjoni analizzat il-konsistenza tad-dejta fiha nnifisha u l-konsistenza tad-dejta mar-regoli tal-allokazzjoni armonizzati. Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat l-eliġibbiltà tal-installazzjonijiet għall-allokazzjoni mingħajr ħlas, it-tqassim tal-installazzjonijiet f'installazzjonijiet sekondarji u l-konfini tagħhom. Imbagħad il-Kummissjoni analizzat l-applikazzjoni tal-valuri referenzjarji korretti għall-installazzjonijiet sekondarji rilevanti. Billi d-Deċiżjoni 2011/278/UE tistipula, fil-prinċipju, valur referenzjarju wieħed għal kull prodott għall-valur referenzjarju tal-prodotti tal-installazzjonijiet sekondarji, il-Kummissjoni tat attenzjoni partikolari lill-applikazzjoni tal-valur referenzjarju għall-prodott finali li ssawwar skont id-definizzjoni tal-prodott u l-konfini tas-sistema stipulati fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE. Barra minn hekk, billi hemm impatt sinifikanti fuq l-allokazzjonijiet, il-Kummissjoni analizzat fid-dettall il-kalkolu tal-livelli ta' attività storiċi tal-installazzjonijiet, il-każi ta' bidliet sinifikanti fil-kapaċità waqt il-perjodu ta' bażi, kif ukoll każi ta' installazzjonijiet li bdew jaħdmu waqt il-perjodu ta' bażi, il-kalkolu tal-għadd preliminari ta' kwoti ta' emissjonijiet li ġew allokati mingħajr ħlas filwaqt li qieset il-possibbiltà ta' skambju bejn il-karburant u l-elettriku, l-istatus ta' tnixxija tal-karbonju, kif ukoll l-esportazzjonijiet ta' sħanat għal djar privati. Aktar analiżijiet tal-istatistika u kontrolli tal-kredibbiltà bl-użu ta' indikaturi, bħal, pereżempju, il-propożizzjoni ta' allokazzjoni skont il-livell storiku ta' attività mqabbel ma' valuri referenzjarji, jew livelli storiċi ta' attività mqabbla mal-kapaċità tal-produzzjoni, għenu biex jidentifikaw irregolaritajiet potenzjali addizzjonali fl-applikazzjoni tar-regoli tal-allokazzjoni armonizzati.

(8) Abbażi tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni ddettaljata tal-installazzjonijiet fejn ġew identifikati l-irregolaritajiet potenzjali fl-applikazzjoni tar-regoli tal-allokazzjoni armonizzati, u talbet aktar kjarifiki mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

(9) Fid-dawl tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni tal-konformità, il-Kummissjoni tqis li n-NIMs tal-Awstrija, tal-Belġju, tal-Bulgarija, tal-Kroazja, ta' Ċipru, tad-Danimarka, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Greċja, tal-Ungerija, tal-Irlanda, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Lussemburgu, ta' Malta, tal-Pajjiżi l-Baxxi, tal-Polonja, tal-Portugall, tar-Rumanija, tas-Slovakkja, tas-Slovenja, ta' Spanja, tal-Isvezja u tar-Renju Unit, kompatibbli mad-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni 2011/278/UE. L-installazzjonijiet inklużi fin-NIMs minn dawn l-Istati Membri nstab li huma eliġibbli għall-allokazzjonijiet mingħajr ħlas u ma nstabu ebda nuqqasijiet ta' konsistenza rigward l-ammonti totali annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas proposti minn kull wieħed minn dawn l-Istati Membri.

(10) Iżda, fid-dawl tar-riżultati tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni sabet li ċerti aspetti tan-NIMs sottomessi mill-Ġermanja u mir-Repubblika Ċeka mhumiex kumpatibbli mal-kriterji li hemm fid-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni 2011/278/UE meta wieħed iqis id-dokumenti gwida tal-Kummissjoni għall-Istati Membri, li ġew approvati mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fl-14 ta' April 2011.

(11) Il-Kummissjoni tinnota li l-Ġermanja pproponiet li seba' installazzjonijiet għandhom jirċievu żieda fil-livell ta' allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet minħabba li tikkunsidra li dan ikun jevita tbatija bla bżonn. B'konformità mal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni 2011/278/UE, l-ammonti preliminari ta' allokazzjonijiet mingħajr ħlas li għandhom jitressqu bħala parti min-NIMs jiġu kkalkulati skont ir-regoli armonizzati madwar l-Unjoni. Id-Deċiżjoni 2011/278/UE ma tipprevedix l-aġġustament li tixtieq tagħmel il-Ġermanja abbażi tal-Artikolu 9(5) tal-Att Ġermaniż dwar in-Negozjar ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet b'Effett Serra — TEHG tat-28 ta' Lulju 2011. Filwaqt li sal-2012, l-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet kienet organizzata fuq bażi nazzjonali, mill-2013 'il quddiem, il-leġiżlatur, b'mod intenzjonat, stabbilixxa r-regoli kompletament armonizzati, biex l-installazzjonijiet kollha jiġu ttrattati bl-istess mod. Kull bidla unilaterali fl-ammonti preliminari tal-allokazzjonijiet mingħajr ħlas ikkalkulati mill-Istati Membri skont id-Deċiżjoni 2011/278/UE tkun iddgħajjef dan l-approċċ armonizzat. Il-Ġermanja ma ġabitx provi li l-allokazzjoni għall-installazzjonijiet ikkonċernati kkalkulata skont id-Deċiżjoni 2011/278/UE kienet b'mod ċar mhux xierqa meta jitqies l-għan li jrid jinkiseb tal-armonizzazzjoni sħiħa tal-allokazzjonijiet. Jekk jiġu allokati aktar kwoti lil xi installazzjonijiet, dan ikun jippreġudika l-kompetizzjoni, jew jhedded li jagħmel hekk, u jkollu effetti transkonfinali minħabba n-negozju madwar l-unjoni fis-setturi kollha koperti mid-Direttiva 2003/87/KE. Fid-dawl tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-Istati Membri u tal-installazzjonijiet fl-EU ETS, il-Kummissjoni ddeċidiet li għalhekk jixraq li toġġezzjona għall-ammonti preliminari ta' allokazzjonijiet mingħajr ħlas lil ċerti installazzjonijiet li hemm fin-NIMs Ġermaniżi u elenkati fil-punt A tal-Anness I.

(12) Il-Kummissjoni ssib li n-NIMs proposti mill-Ġermanja jikkontrovjenu wkoll id-Deċiżjoni 2011/278/UE għaliex l-applikazzjoni tal-valur ta' referenza għall-metall jaħraq fil-każijiet elenkati fil-punt B tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni mhijiex konsistenti mar-regoli rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li fin-NIMs Ġermaniżi, fil-każi tal-proċessi fil-manifattura tal-azzar bl-ifran bażiċi

li jaħdmu bl-ossiġenu (BOF), u fejn il-metall jaħraq mill-forn tal-blast ma jiġix irfinut f'azzar fl-istess installazzjoni, iżda jiġi esportat għal aktar ipproċessar, l-operatur tal-installazzjoni bil-forn tal-blast għall-produzzjoni tal-metall jaħraq ma jingħatax allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet. Minflok ma jsir hekk, l-allokazzjoni mingħajr ħlas tingħata lill-installazzjoni fejn jiġi rfinut l-azzar.

(13) Il-Kummissjoni tinnota li għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet, il-valuri referenzjarji tal-prodotti huma stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/278/UE fejn tqiesu d-definizzjonijiet tal-prodotti u l-kumplessità tal-proċessi tal-produzzjoni li jippermettu l-verifika tad-dejta tal-produzzjoni u applikazzjoni uniformi tal-valuri referenzjarji għall-prodotti madwar l-Unjoni. Għall-applikazzjoni tal-valuri referenzjarji tal-prodotti, l-installazzjonijiet huma maqsumin f'installazzjonijiet sekondarji, fejn l-installazzjonijiet sekondarji ta' valur referenzjarju ta' prodott jiġu ddefiniti bħala inputs, outputs u l-emissjonijiet korrispondenti marbutin mal-produzzjoni ta' prodott li għalih ġie stabbilit valur referenzjarju fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE. B'hekk, il-valuri referenzjarji huma stabbiliti għall-prodotti u mhux għall-proċessi. Għalhekk, ġie żviluppat valur referenzjarju għall-metall jaħraq, u l-prodott huwa ddefinit bħala ħadid likwidu ssaturat bil-karbonju għal aktar ipproċessar. Il-fatt li l-konfini tas-sistema għall-valur referenzjarju tal-metall jaħraq stabbiliti fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE jinkludu l-BOF ma jippermettix lill-Istati Membri li ma jagħtux każ li għandu jkun hemm l-allokazzjonijiet għal prodott partikolari. Dan il-fattur huwa kkorroborat mill-fatt li l-valuri referenzjarji għandhom ikopru l-emissjonijiet diretti kollha li huma marbutin mal-produzzjoni. Madankollu, hija l-produzzjoni tal-metall jaħraq fil-forn tal-blast li prinċiparjament jikkawża l-emissjonijiet, filwaqt li l-proċess tal-irfinar tal-metall jaħraq f'azzar fil-konvertitur BOF jipproduċi relattivament ftit emissjonijiet. Għalhekk, il-valur referenzjarju kien ikun ħafna inqas kieku kien ikopri l-installazzjonijiet li jimpurtaw il-metall jaħraq u jirfinawh f'azzar fil-konvertitur BOF. Barra minn hekk, fid-dawl tal-iskema ġenerali għall-allokazzjoni stabbilita bid-Deċiżjoni 2011/278/UE, b'mod partikolari rigward ir-regoli dwar bidliet sinifikanti fil-kapaċitajiet, l-allokazzjoni proposta mill-Ġermanja ma tistax titqies li hi konsistenti. Għaldaqstant il-Kummissjoni ssib li minħabba nuqqas ta' installazzjoni sekondarja korrispondenti li kienet tippermetti l-allokazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE, l-installazzjonijiet li jimpurtaw il-metall jaħraq biex ikomplu jipproċessawh ma jistgħux jitqiesu li huma eliġibbli biex jirċievu l-allokazzjonijiet mingħajr ħlas abbażi tal-valur referenzjarju tal-metall jaħraq għall-ammont tal-metall jaħraq impurtat. Għalhekk, il-Kummissjoni toġġezzjona għall-ammonti totali preliminari ta' allokazzjonijiet mingħajr ħlas proposti għall-installazzjonijiet elenkati fil-punt B tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

(14) Rigward l-applikazzjoni tal-valur referenzjarju għall-metall jaħraq fin-NIMs proposti mir-Repubblika Ċeka, il-Kummissjoni tosserva li l-allokazzjoni għall-installazzjoni elenkata taħt il-punt C bl-identifikatur CZ-existing-CZ-73-CZ-0134-11/M ma tikkorrispondix mal-valur tal-valur referenzjarju tal-metall jaħraq immultiplikat bil-livell rilevanti tal-attività storika marbuta mal-prodott, kif propost fin-NIMs, u għaldaqstant mhijiex konformi mal-Artikolu 10(2)(a) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE. Għalhekk, il-Kummissjoni toġġezzjona għall-allokazzjoni lil din l-installazzjoni sakemm ma jissewwiex dan l-iżball. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-allokazzjoni għall-installazzjoni elenkata taħt il-punt C bl-identifikatur CZ-existing-CZ-52-CZ-0102-05 tqies il-proċessi koperti mill-konfini tas-sistema tal-valur referenzjarju tal-metall jaħraq. Iżda din l-installazzjoni ma tipproduċix il-metall jaħraq, imma timpurtah. Minħabba li mhemmx produzzjoni tal-metall jaħraq fl-installazzjoni bl-identifikatur CZ-existing-CZ-52-CZ-0102-05, u b'hekk mhemmx installazzjoni sekondarja tal-valur referenzjarju korrispondenti tal-prodott li kienet tippermetti d-determinazzjoni tal-allokazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE, l-allokazzjoni proposta mhijiex konsistenti mar-regoli tal-allokazzjoni u tista' tagħti lok għal kalkolu doppju. Għaldaqstant il-Kummissjoni toġġezzjona għall-allokazzjoni lill-installazzjonijiet elenkati fil-punt C tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

(15) Il-Kummissjoni tinnota li l-installazzjonijiet imsemmijin fil-punt D tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni jirċievu allokazzjoni abbażi ta' installazzjoni sekondarja tal-emissjonijiet tal-proċess għall-produzzjoni taż-żingu fil-forn tal-blast u proċessi marbutin ma' dan. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li l-emissjonijiet koperti mill-installazzjoni sekondarja tal-emissjonijiet tal-proċessi diġà huma koperti mill-installazzjoni sekondarja tal-valur referenzjali tal-prodott għall-metall jaħraq li abbażi tiegħu waħda mill-installazzjonijiet tirċievi wkoll allokazzjoni, u b'hekk dawn huma kkalkulati darbtejn. L-installazzjoni sekondarja tal-valur referenzjarju tal-prodott għall-metall jaħraq tkopri b'mod ċar l-inputs, l-outputs u l-emissjonijiet korrispondenti marbutin mal-produzzjoni tal-metall jaħraq fil-forn tal-blast u mal-proċessi kollha, inkluż it-trattament tal-gagazza, marbutin ma' dan, kif stabbilit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE. Għalhekk, in-NIMs proposti mill-Ġermanja jmorru kontra l-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE u l-obbligu li ma jsirux kalkoli tal-emissjonijiet darbtejn, għaliex ċerti emissjonijiet huma magħdudin darbtejn fl-allokazzjoni għal dawn l-installazzjonijiet. Għalhekk il-Kummissjoni toġġezzjona għall-allokazzjoni lil dawn l-installazzjonijiet abbażi ta' installazzjoni sekondarja tal-emissjonijiet tal-proċessi għall-produzzjoni taż-żingu ġo forn tal-blast u l-proċessi marbutin ma' dan.

(16) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-lista tal-installazzjonijiet stipulata fin-NIMs Ġermaniżi mhijiex sħiħa u b'hekk tmur kontra l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. Il-lista ma tinkludix l-installazzjonijiet li jipproduċu l-polimeri, b'mod partikolari l-S-PVC u l-E-PVC, u l-monomer tal-klorur tal-vinil (VCM) bil-kwantitajiet tal-kwoti maħsubin biex jiġu allokati lil kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet li qegħdin fit-territorju tal-Ġermanja, li għalihom tapplika d-Direttiva u li huma

msemmijin fit-taqsima 5.1 tal-gwida tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE, approvata mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fit-18 ta' Marzu 2010. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni taf bil-fehma mressqa mill-Ġermanja, li l-produzzjoni tal-polimeri, b'mod partikolari l-S-PVC u l-E-PVC, u l-VCM mhijiex koperta mill-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE. Il-Kummissjoni tqis li l-polimeri, inklużi l-S-PVC u l-E-PVC u l-VCM, jissodisfaw id-definizzjoni tal-attività rilevanti (il-produzzjoni ta' ammonti kbar ta' sustanzi kimiċi) fl-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE. Għaldaqstant, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u s-setturi industrijali kkonċernati, inħarġu l-valuri referenzjarji tal-prodotti għall-S-PVC, l-E-PVC u l-VCM, kif stipulat fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE.

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-fatt li l-lista tal-installazzjonijiet Ġermaniża mhijiex sħiħa għandu effetti negattivi fuq l-allokazzjoni abbażi tal-installazzjoni sekondarja tal-valur referenzjarju tas-sħana għall-installazzjonijiet li jesportaw is-sħana lil installazzjonijiet li jipproduċu s-sustanzi kimiċi fi kwantitajiet kbar, elenkati fil-punt E tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni. Filwaqt li huma biss l-esportazzjonijiet tas-sħana lejn installazzjoni jew entità oħra mhux koperta mid-Direttiva 2003/87/KE li jagħtu lok għal allokazzjoni mingħajr ħlas abbażi tal-installazzjoni sekondarja tal-valur referenzjarju tas-sħana, fin-NIMs Ġermaniżi, l-esportazzjonijiet lejn installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE huma meqjusin għall-allokazzjoni għall-installazzjonijiet elenkati fil-punt E tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni. B'konsegwenza ta' dan, l-allokazzjonijiet proposti għall-installazzjonijiet elenkati fil-punt E tal-Anness I mhumiex konsistenti mar-regoli tal-allokazzjoni. Għaldaqstant il-Kummissjoni toġġezzjona għall-allokazzjoni għall-installazzjonijiet elenkati fil-punt E tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

(18) B'konformità mal-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, bid-Deċiżjoni 2010/634/UE [1] l-Kummissjoni ppubblikat il-kwantità assoluta għall-Unjoni kollha tal-kwoti għall-perjodu mill-2013 sal-2020. F'dan ir-rigward, il-kwantità meqjusa skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE hija bbażata fuq it-total tal-kwantitajiet tal-kwoti maħruġin mill-Istati Membri li jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazzjoni tagħhom għall-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2012. Madankollu, wara l-għeluq tal-perjodu ta' negozjar bejn l-2008 u l-2012, il-Kummissjoni kisbet aktar informazzjoni u dejta aktar preċiża partikolarment dwar il-kwantità ta' kwoti mogħtijin lil min jidħol ġdid, mir-Riżervi għal Min Jidħol Ġdid tal-Istati Membri, u dwar l-użu tal-kwoti tal-Istati Membri, li jitwarrbu għal proġetti ta' Implimentazzjoni Konġunta stabbiliti skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/780/KE [2]. Barra minn hekk, rigward l-aġġustament tal-kwantità ta' kwoti madwar l-Unjoni skont l-Artikolu 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, u b'mod partikolari l-paragrafi 1 u 4 tiegħu, għandha titqies l-aktar dejta xjentifika riċenti dwar il-potenzjal ta' effet serra tal-gassijiet b'effett serra, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2011) 3798 u C(2012) 497 biex tiġi aċċettata l-inklużjoni unilaterali ta' gassijiet b'effett serra addizzjonali u attivitajiet tal-Italja u tar-Renju Unit skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE, kif ukoll l-esklużjoni tal-Ġermanja, tar-Renju Unit, ta' Franza, tal-Pajjiżi l-Baxxi, ta' Spanja, tas-Slovenja u tal-Italja, mill-EU ETS ta' installazzjonijiet bi ftit emissjonijiet, b'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE.

(19) Barra minn hekk, il-kwantità assoluta tal-kwoti tal-Unjoni sħiħa għandhom iqisu l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-twessigħ tal-EU ETS għall-Istati taż-ŻEE u tal-EFTA. Skont il-punt 8 tal-Anness III mal-Att dwar il-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-kwantità meqjusa skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE żdiedet, bħala riżultat tal-adeżjoni tal-Kroazja, bl-istess kwantità ta' kwoti li l-Kroazja se tirkanta skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. L-inkorporazzjoni fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) tad-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] u d-Deċiżjoni 2011/278/UE kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/745/UE [4] bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2012 [5] timplika żieda ġenerali tal-kwantità totali tal-kwoti fl-EU ETS skont l-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE. Għaldaqstant jeħtieġ li jitqiesu ċ-ċifri rilevanti ppreżentati mill-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-Parti A tal-Appendiċi għal dik id-Direttiva fil-Ftehim ŻEE.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/634/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 li taġġusta l-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu għall-Unjoni kollha skont l-Iskema tal-Unjoni għall-2013 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/384/UE (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 34).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/780/KE tat-13 ta' Novembru 2006 dwar li jiġi evitat l-għadd doppju tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet tal-effett tas-serra skont l-iskema Komunitarja tal-iskambju tal-emissjonijiet għall-attivitajiet tal-proġetti skont il-Protokoll ta' Kyoto 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 16.11.2006, p. 12).

[3] Id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/745/UE tal-11 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/2/UE u 2011/278/UE fir-rigward ta' setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju (ĠU L 299, 17.11.2011, p. 9).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2012 tas-26 ta' Lulju 2012 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE (ĠU L 309, 8.11.2012, p. 38).

(20) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2010/634/UE għandha tiġi emendata skont dan.

(21) Fl-2014 u f'kull sena ta' wara din, il-kwantità totali ta' kwoti ddeterminati għall-2013 abbażi tal-Artikolu 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE se tonqos b'fattur lineari ta' 1,74 % mill-2010, li jammontaw għal 38 264 246 kwoti.

(22) L-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE jillimita l-kwantità massima annwali tal-kwoti li hija l-bażi biex jiġu kkalkulati l-allokazzjonijiet mingħajr ħlas għall-installazzjonijiet mhux koperti mill-Artikolu 10a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE. Dan il-limitu huwa kompost minn żewġ elementi msemmijin fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, li kull wieħed minnhom ġie ddeterminat mill-Kummissjoni abbażi tal-kwantitajiet iddeterminati skont l-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, skont dejta li hija disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru tal-Unjoni u skont informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri, b'mod partikolari dwar is-sehem ta' emissjonijiet minn ġeneraturi tal-elettriku u installazzjonijiet oħrajn li mhumiex eliġibbli għall-allokazzjoni mingħajr ħlas imsemmija fl-Artikolu 10a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, kif ukoll fejn disponibbli l-emissjonijiet ivverifikati fil-perjodu bejn l-2005 u l-2007 minn installazzjonijiet li ddaħħlu fl-EU ETS biss mill-2013 'il quddiem, filwaqt li tqieset l-aktar dejta xjentifika riċenti rigward il-potenzjal ta' effett serra tal-gassijiet b'effett serra.

(23) Il-limitu stabbilit mill-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE ma jistax jinqabeż, u dan jiġi żgurat bl-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni transettorjali li, jekk ikun hemm bżonn, inaqqas l-għadd ta' kwoti mingħajr ħlas fl-installazzjonijiet kollha li huma eliġibbli għall-allokazzjoni mingħajr ħlas b'mod uniformi. L-Istati Membri għandhom iqisu dan il-fattur meta jkunu qegħdin jiddeċiedu l-ammonti annwali tal-allokazzjonijiet lill-installazzjonijiet abbażi ta' allokazzjonijiet preliminari u ta' din id-Deċiżjoni. L-Artikolu 15(3) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE jeħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina l-koeffiċjent ta' korrezzjoni transettorjali, dan isir permezz ta' tqabbil tas-somma tal-ammonti totali preliminari ta' allokazzjonijiet mingħajr ħlas imressqin mill-Istati Membri, ma' limitu ffissat bl-Artikolu 10a(5) bil-mod li hu stabbilit fl-Artikolu 15(3) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE.

(24) Wara li d-Direttiva 2009/29/KE ddaħħlet fil-Ftehim ŻEE permezz tad-Deċiżjoni Nru 152/2012 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, il-limitu stabbilit mill-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, ir-regoli armonizzati tal-allokazzjoni u l-koeffiċjent ta' korrezzjoni transettorjali għandhom jiġu applikati fil-pajjiżi ŻEE-EFTA. Għalhekk jeħtieġ li jitqiesu l-ammonti annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet li għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas fil-perjodu 2013 sal-2020, stabbiliti bid-deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tal-10 ta' Lulju 2013 dwar in-NIMs tal-Islanda, tan-Norveġja u tal-Liechtenstein.

(25) Il-limitu stabbilit bl-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE huwa ta' 809 315 756 kwoti fl-2013. Biex ikkalkulat dan il-limitu, il-Kummissjoni l-ewwel ġabret l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri u l-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA dwar jekk l-installazzjonijiet jikkwalifikaw bħala ġeneraturi tal-elettriku jew bħala installazzjoni oħra koperta mill-Artikolu 10a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE. Imbagħad il-Kummissjoni ddeċidiet is-sehem tal-emissjonijiet fil-perjodu ta' bejn l-2005 u l-2007 mill-installazzjonijiet li mhumiex koperti minn dik id-dispożizzjoni, iżda li kienu inklużi fl-EU ETS fil-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2012. Il-Kummissjoni kompliet billi applikat dan is-sehem ta' 34,78289436 % għall-kwantità li ġiet iddeterminata abbażi tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE (1 976 784 044 kwoti). Mar-riżultat ta' dan il-kalkolu, il-Kummissjoni żiedet 121 733 050 kwoti, abbażi tal-emissjonijiet annwali medji vverifikati mill-installazzjonijiet rilevanti waqt il-perjodu ta' bejn l-2005 u l-2007 filwaqt li qieset l-ambitu rivedut tal-EU ETS mill-2013 'il quddiem. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u l-pajjiżi tal-EEA-EFTA għall-aġġustament tal-limitu massimu. Fejn l-emissjonijiet annwali vverifikati għall-perjodu 2005 sal-2007 ma kinux disponibbli, sa fejn kien possibbli l-Kummissjoni estrapolat iċ-ċifri tal-emissjonijiet rilevanti minn emissjonijiet ivverifikati fis-snin ta' wara bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' 1,74 % fid-direzzjoni opposta. Il-Kummissjoni kkonsultat mal-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-informazzjoni u d-dejta użata għal dan u ġabet il-konferma mingħandhom. Il-limitu stabbilit bl-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE mqabbel mat-total tal-ammonti annwali preliminari ta' allokazzjonijiet mingħajr ħlas, mingħajr l-applikazzjoni tal-fatturi msemmijin fl-Anness VI mad-Deċiżjoni 2011/278/UE jagħti l-koeffiċjent annwali transettorjali kif stipulat fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni.

(26) Billi b'mod ġenerali ċċara l-għadd tal-kwoti li se jiġu allokati mingħajr ħlas b'riżultat ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni iżjed tista' tagħmel stima tal-ammont tal-kwoti li se jiġu rkantati b'konformità mal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. Meta tqis il-limitu stabbilit bl-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-allokazzjoni rigward il-produzzjoni tas-sħana skont l-Artikolu 10a(4) li tidher fit-tabella hawn taħt, u d-daqs tar-riżerva għal dawk li jidħlu ġodda, il-Kummissjoni tistma li l-għadd ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati fil-perjodu mill-2013 sal-2020 huwa 8 176 193 157.

(27) It-tabella li tidher hawn taħt tistabbilixxi l-allokazzjoni annwali fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana skont l-Artikolu 10a(4) tad-Direttiva 2003/87/KE:

| Sena | Allokazzjoni mingħajr ħlas skont l-Artikolu 10a(4) tad-Direttiva 2003/87/KE |
|---|---|
| 2013 | 104 326 872 |
| 2014 | 93 819 860 |
| 2015 | 84 216 053 |
| 2016 | 75 513 746 |
| 2017 | 67 735 206 |
| 2018 | 60 673 411 |
| 2019 | 54 076 655 |
| 2020 | 47 798 754 |

(28) Abbażi tan-NIMs u l-koeffiċjent ta' korrezzjoni transettorjali u l-koeffiċjent lineari, l-Istati Membri għandhom ikomplu biex jiddeterminaw l-għadd annwali finali tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas għal kull sena fil-perjodu mill-2013 sal-2020. L-għadd annwali finali ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri skont din id-Deċiżjoni, skont id-Direttiva 2003/87/KE, id-Deċiżjoni 2011/278/UE u dispożizzjonijiet rilevanti oħra fil-liġi tal-Unjoni. Bl-istess mod, l-Istati taż-ŻEE-EFTA għandhom ikomplu biex jiddeterminaw l-għadd annwali finali ta' kwoti allokati mingħajr ħlas għal kull sena mill-2013 sal-2020 skont l-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE lil installazzjonijiet fit-territorji tagħhom abbażi tan-NIMs tagħhom, tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni transettorjali u l-koeffiċjent lineari.

(29) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas lil installazzjonijiet li jkunu koperti mill-EU ETS abbażi ta' regoli armonizzati fl-UE kollha ma tagħtix vantaġġ ekonomiku selettiv lil impriżi li jkollu l-potenzjali li jippreġudika l-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ fi ħdan l-Unjoni. Skont il-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri huma obbligati li jallokaw il-kwoti mingħajr ħlas u ma għandhomx is-setgħa li, minflok, jagħżlu li jirkantaw il-kwantitajiet rilevanti. Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri dwar il-kwoti mingħajr ħlas ma jistgħux jitqiesu bħala għajnuna mill-istat fit-tifsira tal-Artikoli 107 u 108 TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## KAPITOLU I

## MIŻURI NAZZJONALI TA' IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 1*

1. Hija meħtieġa r-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet elenkati fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni fil-listi ta' installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE li tressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u tal-għadd totali annwali preliminari korrispondenti ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil dawn l-installazzjonijiet.

2. Jekk Stat Membru jemenda l-ammonti totali annwali preliminari tal-kwoti ta' emissjonijiet ippreżentati għall-installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li qegħdin fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt A tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena mill-2013 sal-2020, b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE, sakemm din l-emenda tkun biex teskludi kull żieda fl-allokazzjonijiet li mhijiex prevista f'dik id-Deċiżjoni, ma jitqajmux oġġezzjonijiet.

Ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti totali annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li huma fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt B tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020, b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex teskludi kull allokazzjoni abbażi tal-valur referenzjarju tal-metall jaħraq lil installazzjonijiet li jimportaw il-metall jaħraq biex ikompli jiġi pproċessat, kif iddefinit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE. Fejn dan iwassal għal żieda fl-ammont totali annwali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet f'installazzjoni li tipproduċi u tesporta l-metall jaħraq lil installazzjoni elenkata fil-punt B tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk l-Istat Membru kkonċernat jemenda l-ammont annwali totali preliminari ta' din l-installazzjoni li tipproduċi u tesporta l-metall jaħraq kif jixraq.

Ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti totali annwali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li qegħdin fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt C tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex tikkonforma l-allokazzjoni mal-Artikolu 10(2)(a) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE u teskludi kull allokazzjoni għal proċessi li huma koperti mill-konfini tas-sistema tal-valur referenzjarju tal-prodott għall-metall jaħraq, kif iddefinit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE lil installazzjoni li ma tipproduċix, iżda timporta l-metall jaħraq, li inkella iwassal għal kalkolu doppju.

Ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti annwali totali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li qegħdin fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt D tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont totali annwali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex teskludi kull allokazzjoni abbażi ta' installazzjoni sekondarja tal-emissjonijiet tal-proċessi għall-produzzjoni taż-żingu fil-forn blast u proċessi

marbutin ma' dan. Fejn dan iwassal għal żieda tal-allokazzjoni preliminari skont il-valur referenzjarju ta' installazzjoni sekondarja tal-karburant jew tas-sħana f'installazzjoni li jkollha forn tal-blast u tkun elenkata fil-punt D tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk l-Istat Membru kkonċernat jemenda l-ammont annwali totali preliminari ta' din l-installazzjoni skont dan.

Ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti annwali totali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li huma inklużi fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt E tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u 2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex teskludi kull allokazzjoni għas-sħana esportata lil installazzjonijiet li jipproduċu l-polimeri, bħalma huma l-S-PVC u l-E-PVC, u l-VCM.

3. Kull emenda msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr, u Stat Membru ma għandux ikompli biex jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emendi jkunu saru aċċettabbli.

*Artikolu 2*

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 1, ma jitqajmux oġġezzjonijiet rigward il-listi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE mressqin mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-ammonti annwali totali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet korrispondenti allokati mingħajr ħlas lil dawn l-installazzjonijiet.

KAPITOLU II

**IL-KWANTITÀ TOTALI TAL-KWOTI**

*Artikolu 3*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2010/634/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Abbażi tal-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, il-kwantità totali ta' kwoti li għandhom jingħataw mill-2013 'il quddiem u mnaqqsin kull sena b'mod lineari skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE, hija ta' 2 084 301 856 kwoti."

KAPITOLU III

**KOEFFIĊJENT TA' KORREZZJONI TRANSETTORJALI**

*Artikolu 4*

Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni transettorjali uniformi msemmi fl-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE u ddeterminat skont l-Artikolu 15(3) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE huwa stabbilit fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
Connie HEDEGAARD
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

PUNT A

| Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs |
|---|
| DE000000000000010 |
| DE000000000000563 |
| DE000000000000978 |
| DE000000000001320 |
| DE000000000001425 |
| DE-new-14220-0045 |
| DE-new-14310-1474 |

PUNT B

| Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs |
|---|
| DE000000000000044 |
| DE000000000000053 |
| DE000000000000056 |
| DE000000000000059 |
| DE000000000000069 |

PUNT C

| Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs |
|---|
| CZ-existing-CZ-73-CZ-0134-11/M |
| CZ-existing-CZ-52-CZ-0102-05 |

PUNT D

| Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs |
|---|
| DE-new-14220-0045 |
| DE000000000001320 |

PUNT E

| Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs |
|---|
| DE000000000000005 |
| DE000000000000762 |

| |
|---|
| DE000000000001050 |
| DE000000000001537 |
| DE000000000002198 |

*ANNESS II*

| Sena | Koeffiċjent ta' korrezzjoni transettorjali |
|---|---|
| 2013 | 94,272151 % |
| 2014 | 92,634731 % |
| 2015 | 90,978052 % |
| 2016 | 89,304105 % |
| 2017 | 87,612124 % |
| 2018 | 85,903685 % |
| 2019 | 84,173950 % |
| 2020 | 82,438204 % |

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2013 TAL-KUMITAT DWAR IL-KOOPERAZZJONI DOGANALI ALN-UE

**tas-7 ta' Awwissu 2013**

**dwar deroga mir-regoli ta' oriġini kif stipulata fil-Protokoll 1 ta' mal-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, biex tittieħed f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċjali tal-Mawrizju fir-rigward tal-palamit ippriservat**

(2013/449/UE)

IL-KUMITAT DWAR IL-KOOPERAZZJONI DOGANALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(4) tal-Protokoll I tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra [1] ("il-FSE interim") japplika b'mod provviżorju sa mill-14 ta' Mejju 2012 bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tas-Seychelles u r-Repubblika taż-Żimbabwe.

(2) Il-Protokoll 1 ta' mal-FSE interim, li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, fih ir-regoli ta' oriġini għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw fl-Istati tal-ALN.

(3) Skont l-Artikolu 42(1) tal-Protokoll 1 ta' mal-FSE interim, derogi minn dawk ir-regoli ta' oriġini jingħataw meta l-iżvilupp ta' industriji eżistenti fl-Istati tal-ALN jiġġustifikahom.

(4) Skont l-Artikolu 42(5), meta talba għal deroga tkun tikkonċerna stat gżira, l-eżami tiegħu għandu jsir bi preġudizzju favorevoli b'kunsiderazzjoni partikolari tal-impatt ekonomiku u soċjali tad-deċiżjoni li tkun se tittieħed speċjalment b'rabta mal-impjiegi u l-ħtieġa li d-deroga tiġi applikata għal perjodu li jikkunsidra s-sitwazzjoni partikolari tal-istat gżira u d-diffikultajiet tiegħu.

(5) Fid-29 ta' Novembru, il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali ALN-UE ta deroga awtomatika [2] skont l-Artikolu 42(8) tal-Protokoll 1 ta' mal-FSE interim lill-Istati Benefiċjarji tal-ALN (il-Mawrizju, is-Seychelles u l-Madagaskar) għal 8 000 tunnellata ta' tonn ippreservat u 2 000 tunnellata ta' flettijiet tat-tonn.

(6) Minbarra d-deroga awtomatika msemmija qabel, il-Mawrizju talab deroga li tkopri kwantità ta' 6 000 tunnellata ta' tonn ippreservat tal-kodiċijiet tan-NM 1604 14 11, 1604 14 18 u 1604 20 70 manifatturat minn tonn tal-ispeċi *Katsuwonus pelamis* (palamit), *Thunnus alalunga* (alonga), *Thunnus albacares* (tonn tal-pinen sofor), *Thunnus obesus* (tonn t'għajnu kbira) importati fl-Unjoni bejn l-1 ta' April 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013 b'konformità mal-Artikolu 42(1) tal-Protokoll 1 ta' mal-FSE interim.

(7) Il-proċessuri tat-tonn tal-Mawrizju jiddependu ħafna mill-provvista ta' tonn oriġinarju mill-purse seiners tal-UE skont l-FSE interim. Il-qabdiet riċenti ta' palamit oriġinarju (Katsuwonus pelamis) fl-Oċean Indjan naqsu u għalhekk ħolqu sfidi ġodda għall-proċessuri tal-Mawrizju li jaffaċċjaw domanda dejjem akbar għall-prodotti tal-palamit fl-Unjoni. L-għoti ta' deroga għal prodotti ta' tonn tal-pinen sofor (*Thunus albacares*) mhux ġustifikat minħabba li l-qabdiet ta' tonn tal-pinen sofor oriġinarju fl-Oċean Indjan żdiedu. Għalhekk id-deroga għandha tingħata biss għall-palamit.

(8) L-esportazzjonijiet ta' tonn fil-landa mill-Mawrizju lejn l-Unjoni ilhom jiżdiedu b'mod kostanti matul dawn l-aħħar ħames snin.

(9) Il-Mawrizju jgawdi mill-kwota globali prevista bil-proċedura awtomatika ta' deroga mogħtija lil kull Stat benefiċjarju tal-ALN (il-Mawrizju, is-Seychelles u l-Madagaskar). F'każ ta' użu parzjali tal-kwoti minn Stat benefiċjarju

[1] ĠU L 111, 24.4.2012, p. 2.

[2] ĠU L 347, 15.12.2012, p. 38.

ieħor tal-ALN, il-Mawrizju jista' jgawdi wkoll minn riallokazzjonijiet annwali possibbli tal-kwantitajiet li ma jkunux intużaw minn dawn l-Istati. Minħabba l-applikazzjoni provviżorja tal-FSE interim, għad ma kienx possibbli li jsir monitoraġġ xieraq tar-rata tal-utilizzazzjoni tad-deroga awtomatika sabiex jivverifikaw ix-xejriet tar-riallokazzjoni ta' kwantitajiet mhux użati fost l-istati benefiċjarji tal-FSE.

(10) Il-Mawrizju jista' jissorsja tonn nej oriġinarju minn barra l-Oċean Indjan skont l-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll 1 ta' mal-FSE.

(11) In-negozjati li għaddejjin bħalissa tal-FSE bejn l-Unjoni Ewropea u Stati oħra tal-AKP minn fejn il-Mawrizju jista' jissorsja tonn nej oriġinarju għall-industrija tal-ipproċessar tiegħu, kapaċi joffru opportunitajiet alternattivi ta' provvista ta' tonn oriġinarju fil-futur qrib.

(12) Huwa għalhekk xieraq li l-Mawrizju jingħata deroga għal 2 000 tunnellata ta' palamit ippreservat li tirrispetta l-abilità tal-industrija eżistenti li tkompli l-esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni.

(13) Ir-riallokazzjoni potenzjali tal-kwantitajiet mhux użati bejn l-Istati benefiċjarji tal-ALN u l-kumulazzjoni prevista fl-FSE interim jiġġustifikaw li d-deroga tingħata temporanjament. Sabiex id-deroga toffri ċertezza legali lill-operaturi, din għandha tingħata għal perjodu ta' sena b'effett mill-1 ta' April 2013.

(14) Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-deroga, il-materjali mhux ta' oriġini li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' palamit ippreservat tal-kodiċijiet tan-NM 1604 14 11, 1604 14 18 u 1604 20 70 għandhom ikunu palamit iffirizat (*Katsuwonus pelamis*) tal-intestatura HS 0303.

(15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]) jistabbilixxi r-regoli marbuta mal-immaniġġjar tal-kwoti tariffarji. Sabiex tkun żgurata ġestjoni effiċjenti mwettqa b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-Istati tal-ALN, l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni u tal-Kummissjoni, dawk ir-regoli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kwantitajiet importati skont id-deroga mogħtija b'din id-Deċiżjoni.

(16) Sabiex ikun possibbli li ssir sorveljanza effiċjenti tal-operat tad-deroga, l-awtoritajiet tal-Istati tal-ALN għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'mod regolari bid-dettalji taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 li jkunu nħarġu.

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Protokoll 1 tal-FSE interim u skont l-Artikolu 42(1) u (5) ta' dak il-Protokoll, il-palamit ippriservat tal-Intestatura HS 1604 manifatturat minn palamit mhux oriġinarju (*Katsuwonus pelamis*) tal-Intestaturi HS 0303 jitqiesu bħala li joriġinaw fil-Mawrizju skont it-termini stipulati fl-Artikoli 2 sa 5 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-deroga pprovduta fl-Artikolu 1 tapplika għal sena għall-prodott u l-kwantità stabbiliti fl-Anness ta' ma' din id-Deċiżjoni li jkunu ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni mill-Mawrizju matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2013 u l-31 ta' Marzu 2014.

*Artikolu 3*

Il-kwantitajiet stipulati fl-Anness għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

*Artikolu 4*

L-awtoritajiet doganali tal-Mawrizju jwettqu verifiki kwantitattivi fuq l-esportazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 kollha maħruġa għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jinkludu referenza għal din id-Deċiżjoni.

Qabel tmiem ix-xahar wara kull perjodu ta' tliet xhur, l-awtoritajiet doganali tal-Mawrizju jippreżentaw lill-Kummissjoni, permezz tas-Segretarjat tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, dikjarazzjoni tal-kwantitajiet li fir-rigward tagħhom ikunu nħarġu ċertifikati ta' moviment EUR.1 skont din id-Deċiżjoni u n-numru tal-ordni ta' dawk iċ-ċertifikati.

*Artikolu 5*

Kaxxa 7 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa taħt din id-Deċiżjoni tinkludi waħda minn dawn l-indikazzjonijiet li ġejjin:

"Derogation-Decision No 1/2013 of the ESA-EU Customs Cooperation Committee of 7 August 2013";

"Dérogation-Décision n° 1/2013 du Comité de Coopération Douanière AfOA-UE du 7 août 2013".

*Artikolu 6*

1. Il-Mawrizju u l-Unjoni għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa min-naħa tagħhom biex jimplimentaw din id-Deċiżjoni.

2. Meta l-Unjoni tiskopri, abbażi ta' informazzjoni oġġettiva, każi ta' irregolaritajiet jew frodi jew ta' nuqqas ripetut ta' rispett tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 4, l-Unjoni tista' titlob sospensjoni temporanja tad-deroga msemmija fl-Artikolu 1 skont il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 22(5) u (6) tal-FSE interim.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' April 2013.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2013.

*F'isem il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali ALN-UE*

*Il-Presidenti Konġunti*

Vivianne FOCK TAVE

Péter KOVÁCS

*ANNESS*

| Nru tal-Ordni | Kodiċi NM | Isem il-prodotti | Perjodu | Kwantitajiet (f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|
| 09.1620 | ex 1604 14 11,<br>ex 1604 14 18,<br>ex 1604 20 70 | Palamit ippreservat (*Katsuwonus pelamis*) (1) | 1.4.2013–31.3.2014 | 2 000 |

(1) F'kull forma ta' ppakkjar li biha l-prodott jitqies bħala ppreservat fi ħdan it-tifsira tal-intestatura HS 1604.

## AVVIŻ LILL-QARREJJA

**Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

## NOTA LILL-QARREJJA – KIF TIRREFERI GĦALL-ATTI

Mill-1 ta' Lulju 2013, il-mod ta' kif jiġu ċċitati l-atti nbidel.

Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-metodu l-ġdid jibqa' jeżisti flimkien mal-qadim.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT